


Rapport Speċjali

**Appoġġ mill-UE
għar-riabilitazzjoni wara
t-terremot f'Haïti**



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-872-0826-2
doi:10.2865/59617

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

Rapport Speċjali

Appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni wara t-terremot f'Haïti

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Paragrafu

Glossarju u Akronimi

I – VII Sommarju eżekuttiv

1 – 11 Introduzzjoni

1 – 3 **Haiti huwa stat fraġli**

4 – 5 **It-terremot tal-2010 ħarrax is-sitwazzjoni b'mod drammatiku**

6 – 7 **Id-delegazzjoni tal-UE kienet affettwata bl-istess mod serju**

8 – 11 **Minkejja r-rispons internazzjonali, ir-riabilitazzjoni kienet ta' sfida**

12 – 17 Ambitu u approċċ tal-awditjar

18 – 63 Osservazzjonijiet

18 – 27 **Il-Kummissjoni indirizzat ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni li kellhom prijorità**

19 – 21 **Il-ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni ġew identifikati sew**

22 – 24 **L-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni kien stabbilit fi ħdan strateġija tajba**

25 – 27 **Id-diviżjoni tax-xogħol bejn il-Kummissjoni u donaturi prinċipali oħra kienet xierqa iżda l-koordinazzjoni matul l-implimentazzjoni kienet diffiċli**

28 – 40 **Minkejja xi sforzi mill-Kummissjoni, l-għajjnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp ma kinux ikkollegati biżżejjed**

30 – 32 **Il-Kummissjoni użat strumenti differenti b'mod flessibbli**

33 – 35 **Il-koordinazzjoni mal-Kummissjoni ma kinitx l-aħjar**

36 – 40 **L-LRRD kien maħsub tajjeb fir-rigward tat-tfassil ta' programmi individwali ta' riabilitazzjoni iżda xi kultant kien diffiċli biex jiġi żgurat fil-prattika**

- 41 – 63 **Il-Kummissjoni ma żguratx biżżejjed l-implimentazzjoni effettiva tal-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni**
- 42 – 54 **Il-biċċa l-kbira tal-programmi ffaċċaw dewmien u xi wħud kisbu progress limitat**
- 55 – 58 **Xi riskji sinifikanti ma kinux immaniġġjati biżżejjed**
- 59 – 63 **Il-monitoraġġ kien ibbażat fuq qafas xieraq iżda ġew allokati riżorsi insuffiċjenti**

64 – 68 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness I - Lista ta' programmi eżaminati

Anness II - Metodoloġija tas-sistema ta' evalwazzjoni

Anness III - Sistema ta' evalwazzjoni tal-programmi

Risposti tal-Kummissjoni u tas-SEAE

CAED: Cadre de Coordination de l'Aide Externe au Développement d'Haïti (Qafas għall-Koordinazzjoni tal-Assistenza Esterna b'Appoġġ għall-Iżvilupp ta' Haïti)

DCI: Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

Imniedi f'Jannar 2007, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jipprovdi għajna b'mod notevoli permezz ta' (i) programmi ġeografiċi ma' pajjiżi sħab fl-Amerika Latina, fl-Asja, fl-Asja Ċentrali, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika t'Isfel biex jiġu appoġġati azzjonijiet f'firxa wiesgħa ta' oqsma (eż. edukazzjoni, saħħa, koeżjoni soċjali u impjeg, governanza, demokrazija, drittijiet tal-bniedem, assistenza f'sitwazzjonijiet ta' wara kriżi u stati fraġli); u (ii) ħames programmi tematiċi li jikkonċernaw investiment fin-nies, l-ambjent u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali, atturi mhux tal-istat u awtoritajiet lokali, it-titjib tas-sigurtà alimentari, u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil.

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

DIPECHO: ECHO għat-Tħejjija għal Diżastri

L-ECHO nieda l-programm tiegħu għat-tħejjija għal diżastri, DIPECHO, fl-1996. Huwa mmirat lejn komunitajiet vulnerabbli li jgħixu fir-reġjuni prinċipali fid-dinja li huma suxxettibbli għal diżastri. Tipikament, il-programmi ffinanzjati mid-DIPECHO jkopru taħriġ, bini ta' kapaċità, sensibilizzazzjoni, twissija bikrija, u miżuri ta' ppjanar u ta' previżjoni, bil-fondi mwassla permezz ta' aġenziji ta' għajna u ta' NGOs li jaħdmu fir-reġjuni kkonċernati.

DRR: Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri

Id-DRR huwa approċċ sistematiku għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u t-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri. Huwa għandu l-għan li jnaqqas il-vulnerabbiltajiet soċjoekonomiċi għal diżastri kif ukoll li jittratta perikli ambjentali u perikli oħra li jiskattahom.

ECHO: Id-Direttorat Ġenerali għall-Għajna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili

Il-mandat tiegħu jinkludi s-salvazzjoni u l-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u l-allevjazzjoni tat-tbatija tal-bniedem u s-salvagwardja tal-integrità u d-dinjità tal-bniedem ta' popolazzjonijiet affettwati minn diżastri naturali jew minn daww ikkawżati mill-bniedem. Huwa jipprovdi għajna umanitarja, appoġġ għar-riabilitazzjoni fuq termini qosra u appoġġ għall-prevenzjoni u t-tħejjija għal diżastri.

EuropeAid: Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni – Il-EuropeAid jimplementa firxa wiesgħa tal-istrumenti ta' assistenza esterna tal-Kummissjoni ffinanzjati mill-FEŻ u mill-baġit ġenerali (inkluż id-DCI). Kważi l-interventi kollha tal-FEŻ huma mmaniġġjati mill-EuropeAid.

FEŻ: Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

Il-FEŻ huma l-istrument prinċipali għall-forniment ta' għajna mill-Unjoni Ewropea għal kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (OCTs). Il-ftehim ta' sħubija ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou"), huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Istati AKP u mal-OCTs. Il-fokus prinċipali tiegħu huwa fuq it-tnaqqis u eventwalment il-qerda tal-faqar.

FMI: Fond Monetarju Internazzjonali

FPI: Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

L-FPI huwa dipartiment tal-Kummissjoni stabbilit fl-1 ta' Jannar 2011, li jirrapporta direttament lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. L-infiq immaniġġjat mill-FPI huwa prinċipalment relatat ma' azzjonijiet implimentati taħt: (a) il-politika barranija u ta' sigurtà komuni; (b), l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS); (c) il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali; (d) l-Istrument għall-Pajjiżi Industrijalizzati.

ĠFP: Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi

G12: Grupp ta' 12-il Donatur

Il-Grupp ta' 12-il Donatur (G12) jinkludi l-Brażil, il-Kanada, Franza, il-Ġappun, in-Norveġja, Spanja, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Bank Interamerikan tal-Iżvilupp (IDB), id-WB, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), in-NU u l-Kummissjoni Ewropea. Dan huwa presedut mill-Viċi Kap tal-MINUSTAH fil-kapaċità tiegħu bħala l-Koordinatur Umanitarju. Id-delegazzjoni tal-UE assumiet il-presidenza "ad interim" fl-2013.

GBS: Appoġġ Baġitarju Ġenerali

Il-programmi tal-GBS tipikament jikkonsistu f'pakkett ta' appoġġ li jinvolve t-trasferiment ta' fondi, miżuri għall-bini ta' kapaċità, djalogu mal-pajjiż sieħeb u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-iżborżar.

IAS: Servizz tal-Awditjar Intern

L-IAS huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni. Huwa mmexxi mill-Awditur Intern tal-Kummissjoni u jirrapporta lill-Kumitat dwar il-Progress tal-Awditjar tiegħu. Il-kompitu tiegħu huwa li jipprovdi aċċertament indipendenti dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern u li jgħin lill-Kummissjoni permezz ta' opinjonijiet, pariri u rakkomandazzjonijiet.

IDB: Bank Interamerikan tal-Iżvilupp

IfS: Strument għall-Istabbiltà

Stabbilit fl-2007, l-Istrument għall-Istabbiltà huwa intenzjonat li jkun mekkaniżmu rapidu u flessibbli biex iservi ta' prevenzjoni għall-kunflitt, tiġi appoġġata l-istabbilizzazzjoni politika ta' wara l-kunflitti u jiġi żgurat l-irkupru bikri wara diżastru naturali. Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

IHRC: Kummissjoni Interim għall-Irkupru ta' Haiti

ING: Introjtu Nazzjonali Gross

LRRD: Kollegament tal-Għajnuna, r-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp

MINUSTAH: Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni f' Haiti

MOR: Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati

Is-sistema MOR għet stabbilita mill-EuropeAid fis-sena 2000 biex issaħħaħ il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-trasparenza tal-għajjnuna għall-iżvilupp. Hija bbażata fuq valutazzjonijiet qosra, ffukati u fuq il-post minn esperti esterni. Hija tuża metodoloġija strutturata u konsistenti bi tqabbil ma' ħames kriterji: rilevanza, effiċjenza, effettività, impatt potenzjali u probabbiltà ta' sostenibbiltà.

NGO: Organizzazzjoni nongovernattiva

OCHA: Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji

PDG: Prodott Domestiku Gross

PDNA: Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet ta' wara d-Diżastri

SEAE: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Is-SEAE tnieda fl-1 ta' Diċembru 2010. Is-SEAE jħejji d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għal allokkazzjonijiet għal pajjiżi, dokumenti ta' strateġija għal pajjiżi u reġjonali u programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali b'mod konġunt mad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni, bħala parti miċ-ċiklu ta' programmazzjoni għall-biċċa l-kbira tal-istrumenti għall-azzjoni esterna.

WB: Bank Dinji.

Sommarju eżekuttiv

I

Haiti huwa wieħed mill-aktar stati fraġli fid-dinja u t-terremot li laqat il-pajjiż fit-12 ta' Jannar 2010 ħarrax is-sitwazzjoni b'mod drammatiku. Huwa kien il-kaġun ta' għadd kbir ta' mwiet, ikkawża qerda massiva, kellu impatt gravi fuq l-ekonomija nazzjonali u naqqas b'mod serju l-kapaċità diġà dgħajfa tal-amministrazzjoni li tipprovdi servizzi bażiċi lill-popolazzjoni.

II

Il-Qorti eżaminat jekk l-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni f'Haiti wara t-terremot kienx imfalsal u implimentat sew.

III

Il-Qorti tikkonkludi li l-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni wara t-terremot f'Haiti fl-2010 kien imfalsal sew kumplessivament iżda l-programmi ma ġewx implimentati b'mod effettiv biżżejjed. B'hal donaturi oħra, il-Kummissjoni ffaċċat ostakli serji fl-isforzi tagħha biex tappoġġa r-riabilitazzjoni. Hija kienet iffaċċata bl-isfida diffiċli li timmaniġġja l-għajnuna tagħha fi sħubija ma' awtoritajiet nazzjonali dgħajfa - sabiex ttejjeg is-sjeda u tikkontribwixxi għall-emerġenza ta' gvern li jiffunzjona - filwaqt li tfit-tex li tiżgura għajnuna rapida. Madankollu, il-Kummissjoni setgħet tejbet l-immaniġġjar tagħha ta' xi fatturi taħt il-kontroll tagħha.

IV

Il-Kummissjoni indirizzat ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni li kellhom prijorità. Flimkien ma' donaturi maġġuri oħra, il-Kummissjoni identifikat b'mod korrett il-ħtiġijiet maġġuri għar-riabilitazzjoni f'Haiti wara t-terremot tal-2010 u adottat strateġija ta' kooperazzjoni tajba li indirizzat l-isfidi ġodda ffaċċati mill-pajjiż filwaqt li kump-liet l-appoġġ tagħha għal żvilupp soċjoekonomiku fuq terminu twil. Id-diviżjoni tax-xogħol bejn id-donaturi kien xieraq iżda l-koordinazzjoni matul l-implimentazzjoni kienet diffiċli.

V

Minkejja xi sforzi mill-Kummissjoni, l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp ma kinux ikkollegati biżżejjed. Il-Kummissjoni użat firxa ta' strumenti kumplementari b'mod flessibbli u fasslet programmi individwali ta' riabilitazzjoni biex tiżgura l-kollegament bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp. Madankollu, l-ECHO u l-EuropeAid ma kellhom ebda strateġija ċara u komuni għall-pajjiż biex jagħmlu l-aħjar użu mis-sinerġiji u biex joħolqu tranżizzjoni bla xkiel bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom. L-amministrazzjoni nazzjonali dgħajfa u l-impenn insuffiċjenti mill-gvern għar-riforma kienu sfidi sinifikanti għal riabilitazzjoni effettiva u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli.

VI

Il-Kummissjoni ma żguratx implimentazzjoni effettiva biżżejjed tal-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni. Mit-13-il programm eżaminat mill-Qorti, 10 wasslu, jew x'aktarx li kienu se jwasslu, l-outputs ippjanati tagħhom, għalkemm kważi kollha kemm huma b'dewmien. Tliet programmi kisbu progress limitat, inkluż il-programm għall-appoġġ baġitarju ġenerali tal-10 FEŻ. Filwaqt li l-Kummissjoni kienet konxja sew mill-kuntest diffiċli, hija ma mmaniġġjatz biżżejjed xi riskji sinifikanti għall-implimentazzjoni u l-ilħuq tal-obiettivi tal-programmi tagħha. Il-monitoraġġ tal-programmi kien ibbażat fuq qafas xieraq iżda l-Kummissjoni u s-SEAE ma ħadux miżuri f'waqthom biex isaħħu r-riżorsi tad-delegazzjoni tal-UE li kellha kapaċità insuffiċjenti biex twettaq żjarat fuq il-post. Dan kien ikun utli b'mod partikolari f'sitwazzjoni li kienet qed tevolvi b'mod rapidu.

VII

Il-Qorti tirrakkomanda li waqt l-operazzjonijiet fil-kuntest ta' sitwazzjoni ta' wara diżastru jew sitwazzjoni fraġli, il-Kummissjoni għandha:

- ittejjeb l-immaniġġjar tar-riskju;
- tadotta strateġija komuni biex tiżgura l-kollegament u s-sinerġija bejn l-għajnuna ta' emerġenza, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp;
- tiffoka, meta tkun qed tippovdi appoġġ baġitarju, fuq funzjonijiet u riformi ewlenin tal-ĠFP u, fejn xieraq, tistabbilixxi miżuri fuq terminu iqsar għas-salvagwardja tal-fondi tal-UE kontra l-ħela, it-tixrid u l-ineffiċjenza; u
- tiżviluppa proċeduri għall-kontinwità tan-negozju, inklużi dispożizzjonijiet għal skjerament mill-ġdid ta' persunal f'każ ta' emerġenza.

Haiti huwa stat fraġli

01

Fis-seklu 18 Haiti kien produttur minn ta' quddiem nett tal-kannamiela u wieħed mir-reġjuni l-aktar għonja fid-dinja. Madankollu, il-pajjiż ilu mħarbat minn kunflitti etniċi, perjodi twal ta' anarkija, u instabbiltà politika mill-indipendenza tiegħu fl-1804 'l hawn¹. Id-dittatorjati suċċessivi fit-tieni nofs tas-seklu 20² kienu mċappsa b'reati ta' repressjoni u b'serq ta' ġid il-pajjiż. Illum il-ġurnata Haiti huwa stat fraġli (ara l-**Kaxxa 1**).

02

Is-sitwazzjoni politika u tas-sigurtà instabbli fil-pajjiż wasslet għall-iskjerament tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabilizzazzjoni f'Haiti (MINUSTAH) fi tmiem l-2004³. Wara l-irvellijiet fuq il-prezzijiet tal-ikel fl-2008, il-pajjiż ma kellux gvern stabbli sakemm Laurent Lamothe sar Prim Ministru f'Marzu 2012. Is-sitwazzjoni tas-sigurtà tjiebet, iżda l-kriminalità għad għandha impatt negattiv fuq l-iżvilupp.

03

Haiti għadu wieħed mill-ifqar pajjiżi fid-dinja⁴. Aktar minn nofs il-popolazzjoni⁵ tgħix f'faqar estrem b'anqas minn USD 1,25 kuljum. L-istennija tal-għomor hija ta' 62 sena, 12-il sena anqas mill-medja tal-Amerika Latina. Madwar nofs il-popolazzjoni hija illitterata; 20 % tat-tfal huma nieqsa mill-ikel sustanzjuż, 30 % ma għandhomx aċċess għal sorsi ta' ilma nadif⁶. Haiti għandu l-ogħla prevalenza ta' HIV/AIDS fl-Amerika Latina⁷.

- 1 Fl-1791 il-popolazzjoni tal-ilsiera tal-kolonja Franċiża nediet insurrezzjoni, li wasslet għall-indipendenza fl-1804 u għall-fondazzjoni tal-ewwel repubblika indipendenti sewda fid-dinja sentejn wara. Fl-1844 il-gżira nqasmet f'żewġ pajjiżi, Haiti u r-Repubblika Dominikana.
- 2 Mill-1949 'il hawn Haiti nħakem minn bosta dittaturi: il-Ġeneral Paul Magloire, segwit minn Francois Duvalier (Papa Doc) u ibnu, Jean-Claude (Baby Doc).
- 3 Il-MINUSTAH mhijiex skedata li titlaq qabel l-2016, meta għandha ssir rikonfigurazzjoni u konsolidazzjoni tal-missjoni.
- 4 Il-GNI *per capita* f'Haiti fl-2012 (il-metodu Atlas, WB) huwa ta' USD 760 meta mqabbel mal-medja tal-Amerika Latina u tal-Karibew ta' USD 8 981.
- 5 Haiti għandu kważi 10 miljun abitant.
- 6 *Sorsi*: DataBank tal-Bank Dinji – Indikaturi 2011 u 2012 dwar l-iżvilupp fid-dinja, Rapport dwar l-iżvilupp uman mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), CIA – The World Factbook.
- 7 Il-prevalenza tal-HIV fil-popolazzjoni ta' bejn il-15 u d-49 sena tinsab f'livell ta' 2,2 % ("Ministère de la Santé Publique et de la Population, Déclaration d'Engagement sur le VIH/SIDA: Rapport de Situation Nationale" (Ministeru tas-Saħħa Pubblika u tal-Popolazzjoni, Dikjarazzjoni ta' Impenn dwar l-HIV/AIDS), Marzu 2012).

Definizzjoni ta' fraġilità ta' stat

Il-Kummissjoni tiddefinixxi "fraġilità" bħala strutturi u sitwazzjonijiet dgħajfa jew li qed ifallu fejn il-kuntratt soċjali jinsab miksura minħabba n-nuqqas ta' kapaxità jew rieda min-naħa tal-Istat li jitratta l-funzjonijiet bażiċi tiegħu u li jissodisfa l-obbligi u r-responsabbiltajiet tiegħu fir-rigward tat-twassil ta' servizzi, tal-immaniġġjar ta' riżorsi, tal-istat tad-dritt, tal-aċċess ġust għall-poter, tas-sigurtà u s-sikurezza tal-poplu u l-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini.

Sors: KUMM(2007) 643 finali: Lejn reazzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità – l-involviment f'ambjenti diffiċli għall-iżvilupp sostenibbli, l-istabbiltà u l-paċi.

It-terremot tal-2010 ħarrax is-sitwazzjoni b'mod drammatiku

04

Fi żmien meta Ħaiti kien għadu qed jirkupra mill-maltempati tal-2008, terremot ta' qawwa 7.0 fuq l-iskala Richter, li laqat il-belt kapitali u l-inħawi ta' madwarha fit-12 ta' Jannar 2010 (ara l-**Mappa**), kien il-kaġun ta' għadd kbir ta' mwiet u kkawża qerda massiva⁸. Inqatlu madwar 230 000 persuna, fatt li għamel dan id-diżastru fatali daqs it-tsunami tal-2004 fl-Oċean Indjan, iżda kkonċentrat fuq pajjiż wieħed⁹. Indarbu 300 000 ruħ, nofshom tfal. Madwar 1,3 miljun persuna sfaw bla dar f'Port-au-Prince u aktar minn 500 000 persuna telqu miż-żona tad-diżastru biex ifittxu kenn fil-bqija tal-pajjiż¹⁰. Kundizzjonijiet sanitarji fqar, li marru għall-agħar b'mod drammatiku wara t-terremot, iffaċilitaw tifqigħa ta' epidemija tal-kolera.

05

Ħafna binjiet tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-Palazz Nazzjonali, sptarijiet, skejjel, u stabbilimenti pubbliċi oħra nqerdu u għadd kbir tal-impjegati tagħhom mietu¹¹. Għaldaqstant, il-kapaċità tal-Gvern ta' Ħaiti f'termini ta' twassil ta' servizzi kienet affettwata b'mod serju. Billi t-terremot laqat ir-reġjun bl-ogħla attività ekonomika fil-pajjiż, huwa kellu impatt gravi fuq l-iżvilupp tal-Prodott Domestiku Gross (PDG)¹² u fuq il-ġbir tat-taxxa. It-Teżor ma kellux ir-riżorsi baġitarji biex jerġa' jstabbilixxi l-operazzjonijiet tal-amministrazzjoni nazzjonali kif kienu qabel u biex iħallas lill-impjegati taċ-Ċivil.

Id-delegazzjoni tal-UE kienet affettwata bl-istess mod serju

06

Id-delegazzjoni tal-UE kienet affettwata b'mod serju mit-terremot: membru wieħed tal-persunal miet, il-Kap tad-Delegazzjoni kien jeħtieġ li jintbagħat l-isptar u l-maġġoranza tal-persunal sofrew minn trawmi jew problemi psikoloġiċi oħra. Fi żmien 48 siegħa mid-diżastru, 30 uffiċjal ġew evakwati lejn Brussell jew lejn ir-Repubblika Dominikana. Il-bini tad-delegazzjoni tal-UE ma setax jintuża u l-komunikazzjoni ma' Brussell bilkemm kienet possibbli. Ħafna fajls saritilhom ħsara jew intilfu.


07

Xi wħud mill-uffiċjali marru lura f'Ħaiti wara ftit ġimgħat iżda minħabba ħafna tibdil fil-postijiet maniġerjali u perjodi twal mingħajr Kap tad-Delegazzjoni, il-kapaċità operazzjonali tad-delegazzjoni tal-UE kienet affettwata b'mod serju għal perjodu konsiderevoli ta' żmien.

- 8 It-terremot fit-12 ta' Jannar 2010 affettwa l-bliet ta' Port-au-Prince, Léogâne u Jacmel, u kkawża ħsara lill-port, lill-ajruport u lit-toroq prinċipali.
- 9 Evalwazzjoni f'Ħin Reali f'Ħaiti tal-Kumitat Permanenti ta' bejn l-Aġenzji: tliet xhur wara t-terremot; 31.8.2010.
- 10 Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet ta' Wara d-Diżastru (Marzu 2010).
- 11 Skont l-istimi tal-Gvern, inqerdu 105 000 dar, 208 000 dar ġarrbu ħsarat, 60 % tal-isptarijiet f'Port-au-Prince u madwarha u 5 000 skola ġġarrfu. Madwar 3 miljun ruħ ġew affettwati mit-terremot. L-istima tat-total tal-ispejż tal-impatt hija ta' USD 7,8 biljun, li hija ugwali għat-total tal-PDG ta' Ħaiti fl-2009.
- 12 Wara perjodu ta' tkabbir relattivament kostanti bejn l-2005 u l-2009, il-PDG naqas b'5,4 % bħala konsegwenza tat-terremot.

Mappa

Iż-żona milquta mit-terremot fit-12 ta' Jannar 2010



Sors: L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali (USAID).

Minkejja r-rispons internazzjonali, ir-riabilitazzjoni kienet ta' sfida

08


Immedjatament wara li seħħ id-diżastru, bosta mijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, pajjiżi u individwi minn madwar id-dinja rrispondew għall-ħtiġijiet umanitarji urġenti¹³. L-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet

Umanitarji (OCHA) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) nieda appell flash li ġabar USD 575 miljun fi 72 siegħa. Sa tmiem l-2012, id-donaturi mis-settur pubbliku kienu żburżaw USD 2,23 biljun bħala għajnuna umanitarja u USD 192 miljun addizzjonali biex tiġi miġġielda t-tifqigħa tal-kolera (ara l-**Figura** hawn taħt). Barra minn hekk, huwa stmat li ġew kontribwiti USD 3 biljun lill-aġenziji tan-NU u lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) minn donaturi privati¹⁴.

- 13 Organizzazzjonijiet internazzjonali li ilhom stabbiliti f'Haïti (il-moviment tas-Salib l-Aħmar u NGOs maġġuri) kienu kapaċi jipprovdu rispons immedjat u sa Mejju 2010, aktar minn 1 000 organizzazzjoni internazzjonali kienu pprovdew għajnuna umanitarja.
- 14 Uffiċċju tal-Mibgħut Speċjali għal Haïti – Fatti Ewlenin f'Diċembru 2012.

Figura

Fondi Miġbura u Żborżati b'Appoġġ ta' Haïti f'Diċembru 2012



Sors: Uffiċċju tal-Mibgħut Speċjali għal Haïti, ibbażata fuq rappurtar mid-donaturi u fuq data disponibbli pubblikament.

09

Sabiex timmobilizza l-appoġġ internazzjonali għar-rikostruzzjoni u għall-iżvilupp ulterjuri tal-pajjiż, in-NU ospitaw il-Konferenza tad-“Donatur Internazzjonali”, “Lejn Futur Ġdid għal Haiti” f’New York fil-31 ta’ Marzu 2010. Id-donaturi ftiehm u biex jappoġġaw il-“*Plan d’Action pour le Relèvement et le Développement National d’Haiti*”¹⁵ (PARDH) u jipprovdu assistenza għal irkupru fit-terminu medju u f’dak twil sabiex “jerġgħu jibnu aħjar”¹⁶. Fil-konferenza, 55 donatur wiegħdu USD 5,37 biljun għall-perjodu 2010–2012 u USD 2,96 biljun oħra għas-sena 2013 u lil hinn minnha. Barra minn hekk, bosta pajjiżi kkanċellaw total kombinat ta’ USD 1 biljun tad-dejn ta’ Haiti¹⁷.

10

L-Unjoni Ewropea (UE) kienet donatur prinċipali. Hija għamlet wegħda unika li ammontat għal EUR 1,23 biljun. Din inkludiet wegħdiet għar-riabilitazzjoni u l-iżvilupp tal-pajjiż mill-Kummissjoni (EUR 460 miljun)¹⁸, minn 18-il Stat Membru u mill-Bank Ewropew tal-Investment¹⁹. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll għajnuna umanitarja permezz tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO) tagħha. Matul il-perjodu 2010-2013 l-ECHO alloka total ta’ EUR 232 miljun²⁰.

11

Minkejja l-għajnuna finanzjarja immensa u l-isforz internazzjonali immens, il-pajjiż għadu qed jiffaċċa sfidi kbar. It-tneħħija tar-radam ħa wisq żmien li, fost kwistjonijiet oħra, affettwa r-ritmu tar-rikostruzzjoni²¹. Huwa stmat li 210 000 ruħ kienu għadhom qed jgħixu f’kampijiet bit-tined fi tmiem l-2013 u ebda wieħed mill-binjiet ministerjali meqruda għadu ma ġie rikostitwit bis-siġh. L-irkupru huwa mfixkel minn problemi strutturali li l-pajjiż diġà kien miżgħud bihom qabel l-2010. Bilkemm operazzjonali, l-amministrazzjoni pubblika għadha ostaklu maġġuri għat-twassil ta’ servizzi f’setturi bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-ilma u s-sanità. Immaniġġjar dgħajfef tal-finanzi pubbliċi tagħmilha diffiċli biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi u għall-prevenzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni. Nuqqas ta’ reġistru tal-artijiet, li jirriżulta f’tilwim assoċjat dwar l-artijiet, ifixkel il-proċess ta’ rikostituzzjoni. Il-vulnerabbiltà estrema tas-settur agrikolu għal perikli naturali frekwenti u għan-nuqqas ta’ investiment idgħajfef il-produttjoni tal-ikel²².

- 15 Pjan ta’ Azzjoni għall-Irkupru u l-Iżvilupp Nazzjonali ta’ Haiti.
- 16 Il-prinċipju ta’ bażi tal-PARDH ma kienx sempliċment l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni prevalenti ta’ qabel it-terremot iżda li tittieħed l-opportunità tar-rikostruzzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tal-vulnerabbiltà fil-passat u fil-preżent.
- 17 Dawn il-pajjiżi jinkludu, fost oħrajn, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, Franza, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja u l-Isvezja.
- 18 Din il-wegħda, li tikkonsisti prinċipalment minn fondi tal-FEŻ, aktar tard ġiet miżjuda għal EUR 522 miljun.
- 19 Għar-ripartizzjoni tal-wegħdiet skont il-pajjiż/ l-istituzzjoni ara http://www.lessonsfromhaiti.org/download/International_Assistance/5-ny-pledge-total.pdf
- 20 Ir-rispons tal-Kummissjoni Ewropea għall-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili f’Haiti – Sentejn wara t-terremot (2012); Skeda informattiva tal-ECHO dwar Haiti – April 2013.
- 21 Ara pereżempju “From Relief to Recovery: Supporting good governance in post-earthquake Haiti” (Minn Għajnuna għal Irkupru: L-appoġġ ta’ governanza tajba f’Haiti ta’ wara t-terremot), Oxfam 2011. Waħda mill-kwistjonijiet kritiċi prinċipali kienet il-proċess bil-mod ta’ tneħħija tar-radam.
- 22 Minħabba bosta diżastri li Haiti ffaċċa bejn l-1996 u l-2010, il-pajjiż diġà kien fi kriżi protratta qabel it-terremot, b’57 % tal-popolazzjoni nieqsa mill-ikel sustanzjuż.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

14

12

Il-Qorti eżaminat jekk l-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni f'Haiti kienx imfalsal u implimentat sew. L-awditu ffoka fuq tliet mistoqsijiet prinċipali:

- (a) Il-Kummissjoni indirizzat ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni li kellhom prijorità?
- (b) Il-Kummissjoni żgurat kollegament bejn l-għajjnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp?
- (c) Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effettiva tal-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni?

13

L-awditu kopra l-għajjnuna pprovduta lil Haiti fl-2010–2013 mill-ECHO, id-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (EuropeAid) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI).

14

L-awditu twettaq bejn Mejju u Novembru 2013 u kien jinkludi:

- (a) analiżi tal-istateġija ta' kooperazzjoni mal-pajjiż tal-10 FEŻ u ta' dokumenti oħra ta' politika ewlenin;
- (b) intervisti ma' uffiċjali tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fi Brussell;

- (c) żjara f'Haiti mis-26 ta' Awwissu sas-6 ta' Settembru 2013 li kienet tinvolvi intervisti ma' persunal tad-delegazzjoni tal-UE, ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet Haitjani, mal-isħab internazzjonali prinċipali għall-iżvilupp, ma' NGOs u ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll żjarat lil proġetti.

15

L-awditu kien jinkludi analiżi ta' 13-il proġett iffinanzjat mill-UE bl-għan li jipprovdu appoġġ għar-riabilitazzjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri (ara l-**Anness I**). F'termini finanzjarji l-kampjun jirrappreżenta madwar żewġ terzi tal-impenji magħmula mill-Kummissjoni għal dawk iż-żewġ oqsma²³. Is-seba' programmi ffinanzjati mill-ECHO ġew implimentati fl-oqsma tal-akkomodazzjoni (postijiet ta' kenn), tal-ilma, tas-sanità, tat-tnejjija għal diżastri u tal-ikel f'Port-au-Prince, Petit-Goâve, Léogâne u Jacmel. It-tliet programmi ffinanzjati minn EuropeAid kienu jikkonċernaw l-Appoġġ Baġitarju Ġenerali (GBS), ir-rikostruzzjoni ta' żoni residenzjali u t-titjib tas-sigurtà alimmentari fir-reġjun ta' Artibonite. It-tliet programmi tal-FPI kellhom l-għan li jerġgħu jistabbilixxu t-tnejjija għal kriżijiet tal-amministrazzjoni Haitjana.

16

L-analiżi ffukat fuq il-valutazzjoni tar-rilevanza, it-tfassil u l-outputs ta' dawn il-programmi, li ġew evalwati bl-użu ta' kriterji rilevanti mill-metodoloġija ta' Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati (MOR) tal-Kummissjoni (ara l-**Annessi II u III**)²⁴.

- 23 Fil-perjodu Frar 2010 – Diċembru 2012, fl-oqsma tar-riabilitazzjoni u d-DRR l-Kummissjoni impenjat EUR 202 miljun. Il-programmi li kienu fil-kampjun kellhom valur totali ta' EUR 141 miljun. Minn dan l-ammont, tħallsu EUR 81,1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2013 (ara l-**Anness III**).
- 24 Meta l-programmi jissemew fl-osservazzjonijiet, issir referenza għan-numerazzjoni tagħhom fl-**Annessi I u III**.

17

Fil-proċess ta' tnejn tal-awditu, l-awdituri qiesu l-istandards, il-linji gwida u l-prattiki tajba li kienu qed jiġu żviluppati mill-Grupp ta' Ħidma tal-INTOSAI dwar l-Obbligu ta' Rendikont għal u l-Awditu ta' Għajnuna mogħtija f'każijiet ta' Diżastri (AADA)²⁵. Huma qiesu b'mod partikolari l-ISSAI 5510 - L-awditu tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-ISSAI 5520 – L-awditu ta' għajnuna relatata mad-diżastri, sabiex jiksbu għarfien adegwat taċ-ċiklu ta' mmaniġġjar ta' diżastri, jidentifikaw ir-riskji fl-immaniġġjar ta' għajnuna relatata mad-diżastri u jfasslu l-programm tal-awditjar.

25 Is-sensjela 5500 tal-ISSAIs li tikkonċerna l-awditu ta' għajnuna mogħtija f'każijiet ta' diżastri ġiet ippubblikata f'Ottubru 2013 (ara www.issai.org).

Il-Kummissjoni indirizzat ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni li kellhom prijorità

18

Il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni identifikatx b'mod ċar il-ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni, stabbilixxietx strateġija tajba ta' kooperazzjoni, u żgurax koordinazzjoni xierqa tal-isforzi u tad-diviżjoni tax-xogħol ma' atturi prinċipali oħra.

Il-ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni ġew identifikati sew

19

L-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni wara t-terremot kien ibbażat fuq valutazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet miftiehma bejn esperti, id-donaturi prinċipali u l-Gvern ta' Haiti. Immedjatament wara t-terremot, esperti tal-ECHO wettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet preliminari u multisettorjali. Fi tmien Jannar 2010 tim konġunt ta' esperti mill-Kummissjoni, mill-Belġju, minn Franza u minn Spanja vvalutataw il-ħtiġijiet fl-oqsma tal-infrastruttura, il-ĠFP, il-governanza, il-ġustizzja u s-sigurtà u s-servizzi soċjali (b'mod partikolari l-edukazzjoni).

20

Il-Kummissjoni appoġġat ukoll il-Valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' wara d-Diżastri (PDNA)²⁶, li kellha l-għan li tistabbilixxi qafas għall-iżvilupp u għat-tkabbir²⁷. Hija kienet il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Irkupru u l-Iżvilupp Nazzjonali ppreżentat mill-gvern Haitjan fil-Konferenza Internazzjonali ta' New York tal-31 ta' Marzu 2010.

21

Il-ħtiġijiet prinċipali għar-riabilitazzjoni kienu jikkonċernaw l-akkomodazzjoni u r-riabilitazzjoni urbana, l-ilma, is-sa-nità u l-iġjene, is-saħħa, is-sigurtà alimmentari u l-edukazzjoni. Kien jinħtieġ ukoll appoġġ għall-governanza, il-ĠFP u r-rinforz tal-amministrazzjoni biex tiżviluppa sistemi u politiki li jiżguraw it-twassil xieraq u sostenibbli ta' servizzi bażiċi. Minħabba riżorsi pubbliċi skarsi, l-appoġġ baġitarju kien meqjus kruċjali biex jerġgħu jinbdew u jiġu rkuprati funzjonijiet tal-istat essenzjali fil-kuntest fraġli ħafna prevalenti fl-era ta' wara d-diżastru. Id-dijanjożi ta' dgħufijiet tal-ĠFP u pjan ta' azzjoni²⁸ ta' miżuri ta' prijorità kienu miftiehma bejn il-gvern u d-donaturi involuti fl-appoġġ tal-governanza ekonomika.

L-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni kien stabbilit fi ħdan strateġija tajba

22

Il-Kummissjoni rrevediet l-istrateġija ta' kooperazzjoni ma' Haiti tal-10 FEŻ fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet imsemmin hawn fuq u fuq it-talbiet tal-Gvern²⁹. L-istrateġija ta' kooperazzjoni riveduta kellha l-għan li tkompli tappoġġa żvilupp soċjoekonomiku fuq terminu twil biex jinqered il-faqar filwaqt li tkun ta' rispons ukoll għall-ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni ta' wara t-terremot. Hija żammet is-setturi mmirati inizjalment (infrastruttura, governanza u appoġġ baġitarju), iżda l-allokazzjoni finanzjarja ġiet miżjuda b'mod sinifikanti. L-allokazzjoni għal għajnuna programmabbli (il-pakkett A) ġiet miżjuda b'EUR 100 miljun biex tilħaq EUR 391 miljun u l-allokazzjoni biex jiġu koperti avvenimenti mhux previsti bħal assistenza ta' emerġenza (il-pakkett B) ġie miżjud minn EUR 13,6 miljun għal EUR 73,6 miljun. L-allokazzjonijiet għas-setturi taħt l-għajnuna programmabbli ġew riveduti kif indikat fit-**Tabella**.

- 26 Il-PDNA kienet iffinanzjata mill-Faċilità Globali għat-Tnaqqis tal-Effetti tad-Diżastri u l-Irkupru (GFDRR) b'appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni u mill-Awstralja, mil-Lussemburgu, min-Norveġja, mill-Isvezja u mill-Isvizzera. Madwar 250 expert u rappreżentant nazzjonali u internazzjonali ta' NGOs u tas-soċjetà ċivili Haitjana pparteċipaw fil-valutazzjoni. Hija kopriet tmien oqsma: il-governanza, il-produzzjoni, is-setturi soċjali, l-infrastruttura, l-iżvilupp reġjonali, l-ambjent u l-immaniġġjar tar-riskju ta' diżastri, kif ukoll temi trażversali li jinkludu s-sessi, iż-żgħażaġh u l-popolazzjonijiet vulnerabbli.
- 27 L-esperti qiesu li kienu meħtieġa USD 11,5 biljun fuq tliet snin: 50 % għas-setturi soċjali; 17 % għall-infrastruttura; 15 % għall-ambjent u għall-immaniġġjar tar-riskji u ta' diżastri; u dak li jifdal għas-setturi tal-produzzjoni, għall-governanza, u għall-aspetti trażversali (is-sessi, iż-żgħażaġh, il-popolazzjonijiet vulnerabbli).
- 28 Fi ħdan il-grupp ta' koordinazzjoni ("*Cadre de Partenariat pour l'Appui Budgétaire*", stabbilit fis-27.2.2009), f'Mejju 2010 d-donaturi tal-appoġġ baġitarju qablu dwar pjan ta' azzjoni ta' prijorità biex jittejjbu l-kontrolli finanzjarji u jiġu introdotti riformi, u dwar matriċi komuni ta' indikaturi biex jiġi vvalutat il-progress f'dawk l-oqsma.
- 29 Il-Gvern xtaq iżomm id-direzzjoni kumplessiva tal-istrateġija ta' kooperazzjoni inizjali tal-10 FEŻ, li baqgħet rilevanti għall-appoġġ għal żvilupp fuq terminu twil. Barra minn hekk, filwaqt li l-biċċa l-kbira tad-donaturi kkonċentraw fuq iż-żona milquta direttament mit-terremot, ġie meqjus kruċjali li l-bqija tal-pajjiż ikompli jiġi appoġġat.

Allokazzjonijiet għas-setturi riveduti taħt l-għajjnuna programmabbli tal-10 FEŻ wara t-terremot

(EUR miljun)

Settur	Allokazzjonijiet inizjali	Allokazzjonijiet riveduti
Setturi fokali	259	349
Infrastruttura	175	245
Governanza	36	27
Appoġġ Baġitarju Ġenerali (GBS)	48	77
Oħrajn	32	35
Riżerva	0	7
TOTAL	291	391

Sors: CSP/NIP 2008-2013 u CSP/NIP 2011-2013 rivedut.

23

Fir-rigward tal-infrastruttura, it-to-roq baqgħu l-qasam prinċipali ta' appoġġ mill-UE iżda r-rikostruzzjoni urbana (inkluża l-akkomodazzjoni) ġiet miżjuda skont il-PARDH. Fis-settur tal-governanza, l-appoġġ għad-deċentralizzazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-istat inżammu iżda l-iżvilupp ta' sistema ta' reġistru tal-artijiet u ta' DRR kienu oqsma ta' prijorità addizzjonali. L-allokazzjoni miżjuda għall-GBS kellha l-għan li tgħin biex jerġgħu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi, jitnied il-programm ta' rikostruzzjoni u jiġu appoġġati l-istrateġiji ta' żvilupp u ta' tkabbir permezz ta' riformi tal-governanza ekonomika. Finanzjament sinifikanti (EUR 43,6 miljun) sar disponibbli wkoll taħt il-baġit ġenerali tal-UE għall-ikel u l-agrikoltura u għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri³⁰.

24

Il-programmi eżaminati mill-Qorti kienu ġeneralment jirriflettu l-istrateġija adottata mill-Kummissjoni. Il-ħtiġijiet speċifiċi fl-oqsma appoġġati mill-Kummissjoni kienu vvalutati b'mod korrett matul it-tfassil ta' programmi individwali (ara l-**Annex III**, Rilevanza).

30 FI-agrikoltura, sar disponibbli finanzjament sinifikanti bejn l-2011 u l-2012 permezz tal-Programmi Tematiċi għas-Sigurtà Alimentari u l-Faċilità Alimentari (EUR 23,6 miljun b'kollox), u l-Inizjattiva Għan ta' Żvilupp tal-Millennju (EUR 20 miljun għat-titjib tas-sigurtà alimentari). It-tnejn għal diżastri kienet appoġġata minn programmi tad-DIPECHO, mill-IFS u mill-Istati Membri tal-UE.

Id-diviżjoni tax-xogħol bejn il-Kummissjoni u donaturi prinċipali oħra kienet xierqa iżda l-koordinazzjoni matul l-implimentazzjoni kienet diffiċli

25

Haiti kien magħżul bħala pajjiż pilota għal programmazzjoni konġunta tal-UE (ara l-**Kaxxa 2**) taħt l-10 FEŻ. Kif indikat hawn fuq, ir-reviżjoni tal-istrateġija ta' kooperazzjoni tal-10 FEŻ kienet imħejjija wkoll mill-Kummissjoni f'koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE attivi f'Haiti (il-Ġermanja, Franza u Spanja) u ma' donaturi oħra. Dan ippermetta diviżjoni tax-xogħol effettiva. Filwaqt li Franza u Spanja kienu fil-biċċa l-kbira attivi fin-nofsinar tal-pajjiż u l-Istati Uniti kienu fit-tramuntana, l-appoġġ mill-UE kien iffukat fuq ir-reġjun ċentrali ta' Artibonite. Barra minn hekk, Port-au-Prince u bliet oħra affettwati mit-terremot ġew diviżi f'żoni li fihom kienu attivi donaturi individwali u s-sħab tagħhom inkarigati mill-implimentazzjoni.

26

Madankollu, il-koordinazzjoni ta' kuljum bejn il-Kummissjoni u donaturi oħra matul l-implimentazzjoni tal-programmi kienet diffiċli:

- (a) L-effettività tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-għajnuna umanitarja mmexxi mill-OCHA³¹, li fih l-ECHO pparteċipa b'mod attiv, kienet limitata. Ir-raġunijiet prinċipali kienu l-kumplessità tiegħu, l-għadd kbir ħafna ta' atturi umanitarji b'metodi operazzjonali diverġenti, in-nuqqas ta' ħeġġa ta' xi pajjiżi donaturi biex jaħdmu flimkien, problemi lingwistiċi³², u l-fatt li l-laqqhat ġew organizzati fil-bażi militari tan-NU³³. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni intersettorjali bejn gruppi ta' ħidma baqgħet dgħajfa minħabba n-nuqqas ta' koordinaturi b'ħiliet ta' ħsieb strateġiku u ta' faċilitazzjoni³⁴;

- 31 Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni kien ibbażat fuq gruppi ta' ħidma settorjali msejja "raggruppamenti". Raggruppamenti huma sħubijiet bejn atturi internazzjonali, awtoritajiet nazzjonali u lokali, u s-soċjeta ċivili. Dawn inħolqu meta kien hemm ħtiġijiet umanitarji ċari eżistenti fi ħdan settur, fejn kien hemm għadd kbir ta' atturi fi ħdan setturi u fejn l-awtoritajiet nazzjonali kienu jeħtieġu appoġġ għall-koordinazzjoni. Sal-2012 kien hemm 11-il raggruppament funzjonali. Minn dak iż-żmien 'il hawn, sebgħa minnhom ġew eliminati gradwalment minħabba t-tranżizzjoni għall-iżvilupp, iżda wkoll minħabba tnaqqis qawwi fir-riżorsi finanzjarji għal azzjoni umanitarja fil-pajjiż.
- 32 Saru ħafna laqqhat, u d-dokumentazzjoni ġiet imħejja bil-Ingliż. Dan illimita l-parteċipazzjoni ta' NGOs lokali.
- 33 Xi organizzazzjonijiet ma daħlux fil-bini militari minħabba raġunijiet ideoloġiċi; xi oħrajn, prinċipalment NGOs lokali iżgħar ma tħallewx jidħlu. Il-kmamar kienu affollati eċċessivament u kien diffiċli li jinsabu pożizzjonijiet komuni dwar ċerti kwistjonijiet.
- 34 "Evaluation of OCHA Response to the Haiti Earthquake" (Evalwazzjoni tar-Rispons mill-OCHA għat-Terremot f'Haiti), 2011, p. 10 u p. 11 (<http://hhi.harvard.edu/sites/default/files/In%20Line%20Images/programs%20-%20hum%20effectiveness%20-%20earthquake%20-%20evaluation.pdf>).

Programmazzjoni konġunta tal-UE

Il-programmazzjoni konġunta tal-UE għandha l-għan li tikkoordina xogħol id-donaturi fil-pajjiż taħt qafas komuni ta' appoġġ, b'kull wieħed minnhom jispeċjalizza fil-ħiliet partikolari tiegħu. Din għandha l-potenzjal li tnaqqas il-frammentazzjoni tal-għajnuna u żżid is-sens ta' sjieda, ta' allinjament, u ta' armonizzazzjoni filwaqt li tgħolli wkoll il-profil ta' xogħol l-UE u tippermetti lid-donaturi Ewropej li jikkomunikaw b'leħen wieħed.

(b) il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għall-għajjnuna għall-iżvilupp, li kienu stabbiliti qabel it-terremot, huma wkoll kumplessi u jinvolvu bosta partijiet interessati (gvernijiet, donaturi, NGOs internazzjonali, aġenziji tan-NU, eċċ.) b'mandati differenti³⁵. Id-donaturi internazzjonali prinċipali huma miġbura fil-Grupp ta' 12-il Donatur (G12). Fil-livell settorjali, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni kienu utli għad-diviżjoni tax-xogħol u l-iskambju ta' informazzjoni, iżda ma wasslux għal azzjonijiet ikkoordinati jew għall-istabiliment ta' politiki settorjali³⁶;

(c) minħabba l-kapaċità istituzzjonali mġarrfa tal-amministrazzjoni nazzjonali, teħid ta' deċiżjonijiet bil-mod mill-gvern, komunikazzjoni inadegwata, l-involviment limitat tas-soċjetà ċivili u nuqqas ta' ħiliet ta' tmexxija, il-Kummissjoni Interim għall-Irkupru ta' Haiti (IHRC) (ara l-**Kaxxa 3**) ma kinitx kapaċi tikkoordinata³⁷ b'mod effettiv l-appoġġ sinifikattivament akbar tad-donaturi wara t-terremot. F'Novembru 2012, sistema ġdida ta' koordinazzjoni tnediet mill-Gvern,

min-NU u mill-G12 biex it-tmexxija tal-koordinazzjoni tal-għajjnuna tiġi trasferita lill-awtoritajiet Haitjani: il-*"Cadre de Coordination de l'Aide Externe au Développement d'Haiti"*³⁸ (CAED). Madankollu, il-CAED kien għadu mhux kapaċi jipprovdni gwida strateġika dwar appoġġ internazzjonali għal sforzi ta' rikostruzzjoni³⁹.

27

Fir-rigward tal-appoġġ baġitarju, f'Mejju 2010, fil-qafas tal-grupp ta' koordinazzjoni⁴⁰ stabbilit, id-donaturi qablu dwar pjan ta' azzjoni ta' prijorità⁴¹ biex jittejbu l-kontrolli finanzjarji u jiġu introdotti riformi, u dwar matriċi komuni ta' indikaturi biex jiġi vvalutat il-progress⁴². Din il-valutazzjoni konġunta għamlitha wkoll possibbli li jiġu adattati komponenti tal-appoġġ tekniku għall-programmi rispettivi tagħhom biex tiġi żgurata l-komplementarjetà. Madankollu, dawn il-prospetti li għamli kuraġġ għal monitoraġġ ikkoordinat u għal dialogu politiku ma' awtoritajiet nazzjonali sfaw progressivament fix-xejn matul l-implimentazzjoni (ara l-paragrafu 63).

- 35 Evalwazzjoni f'ħin reali f'Haiti bejn l-aġenziji: tliet xhur wara t-terremot (2010).
- 36 Uffiċċju tal-Mibgħut Speċjali għal Haiti "Has Aid Changed? Channelling assistance to Haiti before and after the earthquake" (L-Għajjnuna Nbidlet? It-twassil tal-assistenza lil Haiti qabel u wara t-terremot), Ġunju 2011, p. 8 (http://reliefweb.int/sites/reliefweb.int/files/resources/has_aid_changed_en.pdf).
- 37 Ara pereżempju *"Laide française à Haiti après le séisme du 12 janvier 2010"*, *Cour des comptes* (Jannar 2013) u "From Relief to Recovery: Supporting good governance in post-earthquake Haiti", Oxfam 2011.
- 38 Qafas għall-Koordinazzjoni tal-Assistenza Esterna b'Appoġġ għall-Iżvilupp ta' Haiti.
- 39 Il-laqgħat tal-CAED ma kinux frekwenti u t-termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma settorjali kienu għadhom qed jiġu abbozzati fiż-żmien tal-awditu tal-Qorti.
- 40 *"Cadre de Partenariat pour l'Appui Budgétaire"* (CPAB), stabbilit formalment fis-27.2.2009 u presedut mill-Ministru tal-Finanzi.
- 41 Notevolment ibbażat fuq rakkomandazzjonijiet tal-FMI mir-reviżjoni 2009 tal-Analiżi tan-Nefqa Pubblika u tal-Obbligati ta' Rendikont Finanzjarju tad-WB imħejjija fl-2007.
- 42 Li essenzjalment tikkonċerna l-kundizzjonijiet ġenerali tal-GBS, jiġifieri progress sodisfaċenti (i) lejn qafas imsaħħaħ ta' stabbiltà makroekonomika; (ii) fir-riforma għat-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (GFP); (iii) fl-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' rkupru u ta' żvilupp.

Kaxxa 3

Il-Kummissjoni Interim għall-Irkupru ta' Haiti

Il-ħolqien tal-IHRC tħabbar fil-konferenza tad-donaturi internazzjonali "Lejn Futur Ġdid għal Haiti" f'New York u ġiet stabbilita formalment f'April 2010 għal perjodu ta' 18-il xahar. Ir-rwol tal-IHRC kien li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Irkupru u l-Iżvilupp Nazzjonali (APNRD) u li timmaniġġja l-fondi ppuljati mill-Gvern u mill-komunità internazzjonali fil-Fond għar-Rikostruzzjoni ta' Haiti. L-IHRC kienet kopreseduta mill-Prim Ministru ta' Haiti u minn Bill Clinton, l-ex President tal-Istati Uniti.

Minkejja xi sforzi mill-Kummissjoni, l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp ma kinux ikkollegati biżżejjed

28

Il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni: (i) użatx strumenti differenti b'mod flessibbli; (ii) ikkoordinatx l-attivitajiet tal-ECHO u tal-EuropeAid sew; u (iii) indirizzatx il-kollegament bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD) fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' riabilitazzjoni tal-UE.

29

L-oġġettivi prinċipali għall-appoġġ mill-UE f'Ħaiti wara t-terremot kienu jikkonċernaw il-forniment ta' assistenza għall-għajnuna, ir-riabilitazzjoni ta' infrastruttura li saritilha ħsara u tal-funzjonijiet essenzjali tas-servizzi pubbliċi, u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli. Għaldaqstant, l-LRRD kienet kwistjoni strateġika għall-kooperazzjoni tal-UE ma' Ħaiti fil-perjodu ta' wara d-diżastru tal-2010 (ara l-**Kaxxa 4**).

Il-Kummissjoni użat strumenti differenti b'mod flessibbli

30

Il-programmazzjoni u t-tnejja tal-programmi tal-EuropeAid jinvolvu diskussjoni ma' awtoritajiet nazzjonali u koordinazzjoni ma' donaturi oħra. Minħabba x-xogħol sinifikanti ta' tnejja li jrid isir mill-Kummissjoni u mis-SEAE, dan il-proċess mhuwiex imfassal biex jindirizza l-ħtiġijiet li jinbidlu b'mod rapidu quddiem sitwazzjoni ta' kriżi. Madankollu, filwaqt li l-adozzjoni formali tal-istrateġija ta' kooperazzjoni riveduta tal-10 FEŻ wara t-terremot ħadet sentejn⁴³, id-direzzjoni kumplessiva tagħha għet stabbilita raġonevolment malajr, li għamilha possibbli li jitnaqqas id-dewmien għat-tnedija tal-programmi ta' riabilitazzjoni.

43 Id-Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż rivedut ġie ffirmat f'Marzu 2012.

Kollegament bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp

Ir-rwol tal-assistenza għall-għajnuna huwa li tiġi pprovduta għajnuna umanitarja urġenti fuq terminu qasir biex jiġu salvati u preservati l-ħajjiet tan-nies li jkunu qed jiffaċċaw diffikultajiet serji li jirriżultaw minn diżastri naturali jew minn kunflitti vjolenti. Operazzjonijiet ta' riabilitazzjoni huma proċessi mfassla biex jieħdu f'idejhom, progressivament, ir-rwol tal-assistenza għall-għajnuna u jstabbilizzaw is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali billi jgħinu lil dawk affettwati biex jerġgħu jibnu l-infrastrutturi, itejbu s-servizzi u jirrinforzaw l-istituzzjonijiet li se jippermettu tranżizzjoni deċenti lejn kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-LRRD tkopri l-miżuri u l-interventi mfasslin biex jimlew il-vojt u/jew isaħħu s-sinerġiji bejn l-assistenza fuq terminu qasir u dik fuq terminu twil.

Sors: COM(96) 153 final tat-30 ta' April 1996 dwar il-Kollegament tal-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp; COM(2001) 153 final tat-23 ta' April 2001 dwar l-LRRD - Valutazzjoni; COM(2012) 586 final tat-30 ta' Ottubru 2012 dwar L-Approċċ tal-UE għar-Reżiljenza: Nitgħallmu mill-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (Alimentari).

31

Flimkien mal-EuropeAid, l-ECHO kien involut ukoll f'attivitajiet ta' riabilitazzjoni. Filwaqt li fl-2010, l-għajnuna umanitarja pprovduta mill-ECHO ġiet diretta lejn ħtiġijiet ta' emerġenza (inklużi t-tneħħija tar-radam, l-istabiliment ta' kampijiet b'folji (sheeting) tal-plastik, il-ġarr tal-ilma bit-trakkijiet, is-sanità, u d-distribuzzjoni tal-ikel lil persuni spostati internament), l-assistenza tagħha fl-2011 u fl-2012 kometta lil hinn mill-fażi ta' emerġenza. Hija inkludiet it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri⁴⁴ u indirizzat l-ispostament⁴⁵, prinċipalment fil-forma ta' kostruzzjoni ta' postijiet temporanji ta' kenn, bini ta' tojlets u ta' sistema tas-sanità u l-organizzazzjoni ta' programmi "flus kontanti għax-xogħol". Dawn l-attivitajiet twettqu mill-ECHO bħala appoġġ għar-riabilitazzjoni fuq terminu qasir sakemm tlestew il-proġetti ta' riabilitazzjoni fuq terminu twil mis-sħab għall-iżvilupp⁴⁶.

32

Il-Kummissjoni skjerat ukoll l-Istrument għall-Istabbiltà (IFS) li huwa aktar flessibbli, u mmaniġġjat mill-FPI, biex ikompli fuq xogħol il-programm tal-ECHO għat-Tħejjija għal Diżastri (DIPECHO). Dan kien intenzjonat li jiffaċilita t-tranżizzjoni għar-riabilitazzjoni u l-iżvilupp billi jgħin iżid il-kapaċità tan-nies biex ikampaw mad-diżastri permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubbliċi u fl-iskejjel fuq skala kbira, ta' attivitajiet ta' mitigazzjoni fuq skala żgħira u ta' taħriġ ta' voluntiera fil-protezzjoni civili⁴⁷.

Il-koordinazzjoni mal-Kummissjoni ma kinitx l-aħjar

33

Il-Kummissjoni stabbilixxiet pjattaforma ta' kriżi, li tikkonsisti f'laqgħat regolari ta' koordinazzjoni bejn il-EuropeAid, l-ECHO, is-Segretarjat Ġenerali tal-UE, biex tikkordina r-rispons tal-UE fl-ewwel ftejt ġimgħat ta' wara t-terremot. L-ECHO u d-delegazzjoni tal-UE kkondividew ukoll informazzjoni b'mod regolari (eż. dwar il-ħtiġijiet ta' nies spostati internament, f'kampijiet u f'postijiet temporanji ta' kenn) u kkomunikaw mal-FPI dwar il-programm DIPECHO bex jiżguraw kollegamenti tajbin ma' attivitajiet oħra tad-DRR. Il-laqgħat tat-timijiet tal-pajjiżi ġew organizzati regolarment bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni⁴⁸. Dawn il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għamluha eħfef biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u jiġu stabbiliti l-prijoritajiet sew.

34

Il-programm tal-EuropeAid ta' rikostruzzjoni u żvilupp tal-vcinat (il-programm 9) tkabbar biex jinkludi żoni addizzjonali f'Port-au-Prince. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità mal-proġetti preċedenti tal-ECHO, il-EuropeAid segwa l-kunċett ta' "l-istess sieħeb fl-istess żona" li kien jinvolvi l-ingaġġ ta' sħab tal-ECHO inkarigati mill-implimentazzjoni li kienu preżenti f'distrett partikolari matul il-fażi ta' għajnuna umanitarja, u b'hekk ħa vantaġġ mill-għarfien ta' valur tagħhom f'kuntast partikolari⁴⁹.

- 44 EUR 5,5 miljun b'kolloxx: EUR 3 miljun mill-Pjan ta' Implimentazzjoni Umanitarja Ħaiti 2011 u EUR 2,5 miljun mill-programm tad-DIPECHO fir-reġjun tal-Karibew li kienu indipendenti mir-rispons għat-terremot.
- 45 Fl-2012 l-assistenza tal-ECHO ffukat fuq l-indirizzar tal-ispostament (EUR 20,25 miljun), fuq ir-rispons għall-kolera (EUR 3 miljun), fuq ir-reazzjoni għal diżastri bħall-maltempata tropikali Isaac u l-Uragan Sandy (EUR 9 miljun), u fuq it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri (EUR 2 miljun).
- 46 Dan huwa skont ir-rakkomandazzjoni 1 magħmula mill-Qorti fir-Rapport Speċjali Nru 6/2008 tagħha dwar l-Għajnuna ta' riabilitazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea wara t-tsunami u l-Uragan Mitch fir-rigward tat-tfassil rapidu tal-programmi ta' riabilitazzjoni (<http://eca.europa.eu>).
- 47 "DIPECHO Study: Lessons learned for an improved strategy and approach" (Studju tad-DIPECHO: Tagħlimiet meħuda għal strateġija u approċċ imtejba), Konsorzju Inspire, Marzu 2013, p. 11 u p. 19 (http://ec.europa.eu/echo/files/policies/dipecho/reports/LL_improved_strategy_approach_March2013.pdf).
- 48 Waħda mill-eżiti kienet id-deċiżjoni li jiġu stabbiliti programmi ta' rikostruzzjoni fil-vcinat taż-żoni affettwati.
- 49 Eż. L-NGO Concern Worldwide implimentat proġett ta' konsolidazzjoni tal-paċi ffinanzjat mill-IFS li għandu l-għan li jnaqqas il-għied bejn gruppi armati fil-bassifondi ta' Grand Ravine. Il-proġett kien segwit minn interventi umanitarji mal-ECHO u mbagħad riabilitazzjoni u tjiġb tal-istess vcinat mal-EuropeAid.

35

Madankollu, kif ġie enfazzat fl-2011 mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS), l-ECHO u l-EuropeAid ma kellhom ebda strateġija ċara u komuni għall-pajjiż dwar l-LRRD biex jagħmlu l-aħjar użu mis-sinerġija u u biex joħlqu tranżizzjoni bla xkiel bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom. Waqt iż-żjara tagħha f'Haiti fi Frar 2012, delegazzjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew sabet livell insuffiċjenti ta' koordinazzjoni bejn l-ECHO u d-delegazzjoni tal-UE⁵⁰. Id-dgħufijiet misjuba mill-Qorti kienu jikkonċernaw prinċipalment dawn l-aspetti:

(a) Il-programmi tal-ECHO huma fuq terminu qasir filwaqt li l-programmazzjoni u t-tnejn għall-programmi tal-EuropeAid jieħdu ż-żmien. Għalkemm it-tnejn li huma adottaw approċċ flessibbli (ara l-paragrafi 30 u 31), għaddew bosta xhur bejn tmiem l-appoġġ mill-ECHO u d-disponibbiltà tal-finanzjament mill-EuropeAid għar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp tal-viceinat. Il-kollegament bla xkiel

tal-operazzjonijiet fuq il-post kienet possibbli biss permezz ta' awtofinanzjament u ta' motivazzjoni tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni;

- (b) kien hemm opinjonijiet differenti bejn is-sħab umanitarji u dawk għall-iżvilupp, inklużi l-ECHO u d-delegazzjoni tal-UE, dwar l-aktar approċċ xieraq għall-indirizzar tal-ħtiġijiet għall-akkomodazzjoni. Skont id-delegazzjoni tal-UE u bosta sħab oħra għall-iżvilupp intervistati mill-Qorti, il-kostruzzjoni ta' postijiet temporanji ta' kenn minflok ta' djar permanenti tliet snin wara t-terremot mhi-jjex l-aktar soluzzjoni effiċjenti, meta jittieħed inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' spazju, u tinvolvi risku għoli li ż-żoni ta' postijiet ta' kenn isiru bassifondi;
- (c) L-istrateġija ta' ħruġ u t-trasferiment tal-ECHO lid-delegazzjoni tal-UE ma ġewx formalizzati u dokumentati. Dan ma żgurax segwitu xieraq.

50 Żjara tad-Delegazzjoni tal-CONT, 22-26 ta' Frar 2012, Haiti, Nota ta' feedback (http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/cont/dv/draftfeedbackreport_/draftfeedbackreport_en.pdf).

Ritratt 1

In-nuqqas ta' spazju huwa limitu maġġuri għar-riabilitazzjoni urbana f'Haiti



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-LRRD kien maħsub tajjeb fir-rigward tat-tfassil ta' programmi individwali ta' riabilitazzjoni iżda xi kultant kien diffiċli biex jiġi żgurat fil-prattika

36

Il-programmi eżaminati mill-Qorti kienu mfassla b'mod xieraq biex jikkollegaw fażijiet umanitarji u ta' riabilitazzjoni jew biex iwasslu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli. L-attivitajiet kellhom l-għan li jerġgħu jistabbilixxu l-funzjonijiet essenzjali tas-servizzi pubbliċi u li joħolqu l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, il-prospetti li dan jinkiseb ma kinux promettenti għal 4 mit-13-il programm eżaminati mill-Qorti minħabba nuqqas ta' riformi xierqa, in-nuqqas mill-awtoritajiet milli jieħdu sjieda u l-assenza ta' amministrazzjoni li tiffunzjona sew (ara l-**Anness III**, Tfassil).

37

Kważi l-programmi kollha ta' riabilitazzjoni tal-ECHO ffaċilitaw tranżizzjoni mingħajr xkiel lejn l-iżvilupp. Dawn ta' spiss kienu parti minn approċċi integrati għal żoni partikolari tal-viċinat. Minbarra l-kostruzzjoni ta' postijiet ta' kenn, tali approċċi kienu jinkludu appoġġ għall-għajxien, taħriġ u appoġġ ta' awtoritajiet lokali (ara l-**Kaxxa 5**). Madankollu d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi (ara l-paragrafu 43) naqqas il-pass tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli fl-oqsma kkonċernati.

Kaxxa 5

Soluzzjonijiet integrati

Il-programm HELP (il-programm 2) iffinanzjat mill-ECHO fiż-żoni periferali ta' Petit-Goâve u ta' Léogâne kellu l-għan li jsewwi djar u li jikkonstruwixxi postijiet ta' kenn semipermanenti. Huwa kien parti minn approċċ integrat intenzjonat li jibni l-komunità mill-ġdid. Programmi oħra f'dan il-qasam kienu jinvolvu l-kostruzzjoni ta' ċentru ta' taħriġ vokazzjonali, it-tħawwil ta' ġonna komunitarji, l-istabbiliment ta' suq, l-iċċangjar ta' toroq u t-titjib tat-trasport pubbliku. B'dan il-mod, l-isforzi tar-riabilitazzjoni għamluha possibbli għan-nies li mhux biss jerġgħu lura lejn djarhom iżda wkoll li jibdeu attivitajiet li jiġġeneraw l-introjt.

38

Fil-qasam tal-iżvilupp urban, l-elaborazzjoni u t-tixrid ta' standards tal-kostruzzjoni u ta' prattiki tajbin antisismiċi ġew ippjanati fi skemi ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri li kienu parti mill-programmi ta' appoġġ tal-Gvern u istituzzjonali, bħall-programm ta' rikostruzzjoni u żvilupp tal-viċinat (ara l-programm 9). Dan kien approċ xieraq bil-ħsieb li "jerġa' jinbena aħjar". Madankollu, minkejja kampanji ta' sensibilizzazzjoni, kien rari li dawn l-istandards ġew segwiti għal djar privati f'żoni vulnerabbli minħabba l-ispiża akbar tal-kostruzzjoni u l-assenza ta' kontrolli effettivi mill-amministrazzjoni. Il-progress tal-programmi ta' rikostruzzjoni ġie mfixkel ukoll minn kwistjonijiet ta' drittijiet ta' proprjetà, minħabba l-istat embrijoniku tar-reġistru tal-artijiet⁵¹. Proġetti pilota mmirati lejn l-iżvilupp tar-reġistru tal-artijiet kienu għaddejnin f'żewġ distretti ta' Port-au-Prince, iżda l-kopertura tal-pajjiż kollu kemm hu x'aktarx li kien se jkun proċess twil.

39

Il-Programm tal-Ikel tad-DCI eżaminat mill-Qorti (il-programm 8) segwa assistenza umanitarja u kellu l-għan li jiffirma punt ta' kollegament lejn it-tkompli ta' żvilupp sostenibbli, notevolment billi jstabbilixxi provvista kontinwa ta' żrieragħ ta' kwalità tajba għall-produzzjoni agrikola. Madankollu, l-amministrazzjoni dgħajfa stabbilita offriet prospetti limitati għas-sosteniment tar-riżultati tal-programm u għall-iżvilupp mixtieq.

40

Immedjatament wara t-terremot, il-programm tal-GBS (il-programm 10) għen lill-Gvern biex jегħleb in-nuqqas ta' riżorsi tat-Teżor, li seta' ġġenera instabbiltà wiesgħa. L-appoġġ għall-istrateġiji ta' rkupru, żvilupp u tkabbir tal-Gvern u għat-titjib tal-governanza ekonomika kien lieva rilevanti lejn sitwazzjoni aħjar. Madankollu, li l-progress bil-mod li sar mill-Gvern f'dan il-qasam ffixkel l-implimentazzjoni bla xkiel tal-programm ta-GBS u l-kontribut potenzjali tiegħu għall-isforzi istituzzjonali u fiżiċi ta' rikostruzzjoni (ara l-paragrafi 53 u 54).

51 Kwistjonijiet ta' drittijiet għall-art kienu fattur importanti li kkontribwixxa wkoll għal dewmien fi programmi ta' donaturi oħra. Ara pereżempju "Haiti reconstruction – USAID infrastructure projects have had mixed results and face sustainability challenges (Rikostruzzjoni ta' Haiti – il-proġetti ta' infrastruttura tal-USAID kellhom riżultati mħallta u qed jiffaċċaw sfidi għas-sostenibbiltà), l-Uffiċċju għall-Obbligju ta' Rendikont tal-Gvern tal-Istati Uniti (Ġunju 2013).

Il-Kummissjoni ma żguratx biżżejjed l-implimentazzjoni effettiva tal-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni

41

Il-Qorti eżaminat jekk: (i) l-outputs ippjanati twasslux f'waqthom; (ii) il-Kummissjoni vvalutatx ir-riskji prinċipali fil-kuntest ta' wara d-diżastru u adottatx miżuri biex tindirizzahom; u (iii) il-monitoraġġ kienx adegwat.

Il-biċċa l-kbira tal-programmi ffaċċaw dewmien u xi wħud kisbu progress limitat

42

Mit-13-il programm eżaminati mill-Qorti, 11 ma kinux implimentati fi ħdan l-iskeda ta' żmien inizjali. Id-dewmien kien iwarja minn sena sa 12-il xahar, li huwa kwistjoni ta' tħassib partikolari fir-rigward tal-programmi li inizjalment kienu maħsuba li jkunu fuq terminu qasir. Tliet programmi wasslu proporzjon limitat tal-outputs ippjanati tagħhom (ara l-**Anness III**, Outputs). Tnejn minn dawn kienu programmi kbar f'termini finanzjarji⁵².

Proġetti tal-ECHO

43

L-outputs ippjanati tas-7 programmi eżaminati mill-Qorti kienu jinkludu t-tneħħija ta' radam, il-kostruzzjoni ta' 1 500 post temporanju ta' kenn, ir-rinnovament ta' 800 dar li saritilha ħsara, il-kostruzzjoni ta' sistemi tas-sanità u tal-provvista ta' ilma, il-forniment ta' tagħmir u taħriġ tal-protezzjoni ċivili, il-ħolqien ta' ċentru ta' informazzjoni ġeografika, il-forniment ta' mikrokrediti, u diversi attivitajiet li jiġġeneraw l-introjt. Programm wieħed (il-programm 6) ġie implimentat fi ħdan l-iskeda ta' żmien ippjanata. L-oħrajn ġew postposti minħabba kuntest diffiċli ta' wara t-terremot⁵³, iżda wkoll minħabba deficijenzi fit-tfassil jew fl-implimentazzjoni tagħhom. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ma qisux biżżejjed ir-restrizzjonijiet lokali (eż. proċeduri amministrattivi nazzjonali ingombranti) jew diffikultajiet tekniċi (eż. id-daqs tal-postijiet temporanji ta' kenn mhux adatti għall-ispazju disponibbli).

44

Kważi l-programmi kollha eventwalment wasslu l-outputs ippjanati. Madankollu f'każ wieħed⁵⁴, ir-ritorn ippjanat ta' approssimattivament 2 000 familja lejn djarhom ma nki-sibx matul l-implimentazzjoni tal-programm minħabba li l-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi ma wassalx *data* affidabbli dwar l-istat tad-djar⁵⁵.

- 52 "Programme d'appui budgétaire général au Plan d'action pour la Reconstruction et le Développement d'Haïti et à la Stratégie Nationale de Croissance et de Réduction de la Pauvreté" (il-programm 10) b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 47 miljun; u "Strengthening of the Haitian emergency preparedness" (Tisħiħ tat-tħejjija Haitjana għal emerġenzi) b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 14,5 miljun (il-programm 13).
- 53 Il-kundizzjonijiet deterjoranti għall-implimentazzjoni tal-programmi minħabba tifqigħa tal-kolera, uragani jew kundizzjonijiet ta' sigurtà prekarji.
- 54 Kostruzzjoni ta' soluzzjonijiet għall-kenn li huma soluzzjonijiet sikuri u sostenibbli (il-programm 1).
- 55 Il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi kellu jivvaluta jekk il-binjiet:
 - ma kinitx saritilhom ħsara mit-terremot u setgħux jiġu okkupati immedjatament; jew
 - kinu binjiet perikolużi li għalihom id-dħul għandu jiġi limitat u fejn l-okkupanza hija possibbli biss wara li jkunu twettqu xi tiswijiet; jew
 - kinu binjiet perikolużi li għalihom id-dħul huwa pprojbit u fejn l-okkupanza hija prevista biss jekk jitwettqu tiswijiet sinifikanti, jew jeħtiġux jitwaqqgħu.

Postijiet temporanji ta' kenn mibnija taħt il-programmi "Kostruzzjoni ta' postijiet ta' kenn u toilets sikuri u tranżitorji" (Léogâne) u "Kostruzzjoni ta' soluzzjonijiet għall-kenn li huma soluzzjonijiet sikuri u sostenibbli" (Delmas, Port-au-Prince)



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Strument għall-Istabbiltà

45

Il-programm iffinanzjat mill-lfS biex jgħin lill-Gvern Haitjan jerġa' jistabbilixxi l-kapaċità għat-tnejn għal kriżijiet kellu tliet komponenti: (i) ineħħi r-radam filwaqt li jipprovdi "flus kontanti għax-xogħol" għal popolazzjonijiet vulnerabbli; (ii) jorganizza sensiela ta' laqgħat politiċi ta' livell għoli dwar kwistjonijiet ta' rikostruzzjoni, strateġiji għat-twassil ta' għajnuna, riforma kostituzzjonali u stabbiliment mill-ġdid tal-funzjonament tal-Gvern; u (iii) jżid ir-reżiljenza tal-popolazzjoni permezz tal-forniment ta' tagħmir biex jintuża f'każ ta' emerġenza, u l-installazzjoni ta' kamra ta' kriżi f'Port-au-Prince.

46

L-ewwel żewġ komponenti (il-programmi 11 u 12) ġew implimentati kif ippjanat. Il-kawżi prinċipali tad-dewmien fl-implimentazzjoni tat-tielet komponent kienu restrizzjonijiet loġistiċi, in-nuqqas ta' esperjenza adatta tal-pajjiż u ta' ħiliet lingwistiċi min-naħa tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u objettivi tal-programmi ambizzjużi żżejjed. Barra minn hekk, it-taħriġ ipprovdut kien insuffiċjenti u mhux adattat bis-sħiħ għall-kundizzjonijiet lokali. Il-pakketti ta' emerġenza kienu ta' kwalità inadegwata u mhux dejjem tqiegħdu f'postijiet adatti.

Rikostruzzjoni u żvilupp tal-viċinat

47

Ir-ritorn ta' persuni spostati lejn il-viċinat ta' djarhom kien priorità ewlenija għall-Gvern sabiex jirrimedja l-koeżjoni soċjali dgħajfa kkawżata miċ-ċaqliq tal-popolazzjoni u minn ħafna diżgrazzji. Il-*"Programme d'appui à la reconstruction et à l'aménagement de quartiers pour faciliter le retour des populations sinistrées"*⁵⁶ iffinanzjat mill-FEŻ appoġġa r-rikostruzzjoni ta' sitt viċinati b'popolazzjoni għolja⁵⁷ ta' Port-au-Prince u wieħed fil-belt żgħira ta' Petit-Goâve. Barra milli biex jittiejeb l-ippjanar urban u l-infrastrutturi pubbliċi, l-appoġġ ġie pprovdut lil familji biex jerġgħu jibnu djarhom stess. Diversi attivitajiet oħra kienu promossi permezz ta' taħriġ u ta' mikrofinanzjament fil-livell komunitarju sabiex iħeġġu l-awtonomija ekonomika.

48

Parti mill-programm ġie implimentat permezz tal-amministrazzjoni nazzjonali⁵⁸. Għalkemm kien rilevanti fid-dawl tal-*"bini aħjar mill-ġdid"* u l-prinċipji ta' sjieda, tali approċċ ma għamilhiex possibbli li jitwasslu outputs fiżiċi b'ritmu li kien kompletament kompatibbli mal-LRRD. Fi żmien iż-żjara tal-Qorti, li l-kunċett ġenerali għar-riabilitazzjoni kien ġie miftiehem u kienu ġew abbozzati pjanijiet diretturi għal toroq ta' aċċess u għal infrastrutturi pubbliċi għall-proġetti kollha eżaminati, iżda x-xogħol ta' kostruzzjoni kien għadu ma bediex.

49

Madankollu, sar progress sinifikanti fir-riabilitazzjoni tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni pubblika għall-iżvilupp urban. Kien qed isir ukoll progress tajjeb fuq l-attivitajiet implimentati mill-NGOs sħab. L-esperjenza tagħhom fuq il-post, il-preżenza kontinwa tagħhom mill-bidu tal-azzjoni umanitarja u l-approċċ pragmatiku tagħhom ippermetta li x-xogħol ta' tnejn jittwettag malajr⁵⁹. Barra minn hekk, l-interazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet ibbenefikaw mit-titjib fil-kuntest wara l-istabbiliment ta' komponenti ta' appoġġ istituzzjonali.

Is-sigurtà alimentari

50

Il-programm iffinanzjat mid-DCI eżaminat mill-Qorti (il-programm 8) kellu l-għan li jtejjeb is-sigurtà alimentari għall-familji u l-produtturi agrikoli l-aktar vulnerabbli fir-reġjun ta' Artibonite, permezz tal-immaniġġjar sostenibbli ta' riżorsi naturali, attivitajiet li jiġġeneraw l-introjt u rinforz tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni reġjonali.

51

Fi żmien iż-żjara tal-Qorti, il-programm kien għadu fi stadju bikri ta' implimentazzjoni iżda diġà kellu dewmien ta' erba' xhur minħabba nuqqasijiet fit-tfassil tal-programm (analiżi insuffiċjenti tal-ambjent amministrattiv u organizzattiv) u speċjalizzazzjoni inadegwata min-naħa ta' sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni⁶⁰.

- 56 Programm ta' Appoġġ għar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp tal-viċinat biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' popolazzjonijiet affettwati (il-programm 9).
- 57 Baillargeau, Martissan, Delmas 9, Christ-Roi, Grand-Ravine, Carrefour.
- 58 Parti mill-programm huwa implimentat permezz tal-*"Unité de Construction de Logements et de Bâtiments Publics"* (Unità ta' Kostruzzjoni ta' Abitazzjonijiet u ta' Binjiet Pubbliċi), li ilha operazzjonali minn Awwissu 2012 u hija affiljata mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.
- 59 L-istabbiliment ta' kumitati lokali, konsultazzjoni parteċipattiva, studji soċjali u tekniċi, riċerka dwar is-sjieda tal-art.
- 60 NGO waħda ma kellhiex l-ispeċjalizzazzjoni ta' inġinerija finanzjarja meħtieġa biex tistabbilixxi skema ta' self.

Appoġġ baġitarju

52

Fi sforz konġunt ma' donaturi oħra⁶¹, il-programm tal-GBS iffinanzjat mill-10 FEŻ⁶² kellu l-għan li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-gvern għar-rikostruzzjoni ta' wara d-diżastru⁶³ u l-istrateġija tiegħu ta' tkabbir u ta' tnaqqis tal-faqar⁶⁴. Il-programm kien jinkludi EUR 44 miljun bħala appoġġ baġitarju u EUR 3 miljun ulterjuri għal azzjonijiet kumplementari, bħal assistenza teknika jew appoġġ għall-produzzjoni ta' statistika nazzjonali.

53

Il-programm ipprova r-riżorsi tat-Teżor ferm meħtieġa biex jgħin jirriabilita l-funzjonijiet tal-istat essenzjali wara t-terremot. L-ewwel porzjon fiss ta' EUR 26 miljun ġie żborżat fl-2011 skont l-iskeda ppjanata, jiġifieri immedjatement wara li kien ġie ffirmat il-ftehim ta' finanzjament. Principalmment minħabba progress bil-mod fil-governanza ekonomika, it-tieni porzjon fiss ta' EUR 7 miljun u parti biss mill-ewwel porzjon varjabbli⁶⁵ ġew żburżati f'Diċembru 2012; jiġifieri, wara tmiem is-sena fiskali 2011-2012 li għalihom dawn kienu skedati inizjalment. Minħabba progress mhux sodisfaċenti fir-riforma tal-ĠFP, ma sar ebda żborż ulterjuri mill-Kummissjoni u minn donaturi oħra tal-appoġġ baġitarju fl-2013.

54

Kien qed isir xi progress fuq il-ĠFP, bħall-ħolqien ta' kont uniku tat-Teżor jew l-istabbiliment ta' 10 postijiet ta' kontabilist pubbliku. Madankollu, aktar minn sentejn wara l-bidu ta' dan it-tieni programm tal-GBS iffinanzjat mill-10 FEŻ kien għad ma hemmx programm xieraq u realistiku għar-riforma tal-ĠFP, b'azzjonijiet ta' prijorità u objettivi intermedjarji definiti tajjeb u aċċettati.

Xi riskji sinifikanti ma kinux immaniġġjati biżżejjed

55

Il-Kummissjoni analizzat il-kuntest ta' wara d-diżastru b'mod effettiv u identifikat il-fatturi prinċipali tar-riskju. Dawn kienu jikkonċernaw instabbiltà politika, sigurtà, drittijiet għas-sjieda tal-art, nuqqas ta' art u kumplessità urbana, kapaċità amministrattiva fqira, livelli baxxi ta' parteċipazzjoni fil-livell komunitarju, koordinazzjoni inadegwata u perikli naturali.

56

Madankollu, il-Kummissjoni ma mmaniġġjattx sew ir-riskji li riżultanti għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u l-ilħuq tal-obiettivi tagħhom. Hija ma vvalutatx il-probabbiltà u l-impatt potenzjali ta' dawn ir-riskji, u ma ppjanatx miżuri xierqa bħala prevenzjoni jew mitigazzjoni ta' xi riskji sinifikanti. Pereżempju:

- (a) Dewmien doganali twil fil-portijiet u fl-ajruport ta' Haiti kien problema magħrufa sew diġà, u fiġkel b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-programm iffinanzjat mill-ECHO għall-kostruzzjoni ta' postijiet temporanji ta' kenn (il-programm 1);
- (b) Il-kapaċità limitata tal-Ministeru tal-Agrikoltura u n-nuqqas tiegħu ta' stabbiliment istituzzjonali għall-forniment ta' żrieragħ "breeder" ġie identifikat matul it-tnejn tal-Programmi tal-Ikel tad-DCI (il-programm 8). Madankollu, ma ġiet ippjanata ebda miżura u l-prospetti għas-sosteniment tar-riżultati tal-programm kienu baxxi;
- (c) Minħabba t-fassil kumpless u ambizzjuż iżżejjed tiegħu, il-programm tal-IFS biex jappoġġa l-istabbiliment mill-ġdid tal-kapaċità tal-Gvern Haitjan

- 61 L-FMI, id-WB, I-IDB, Franza u Spanja. Il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika jassistu l-governanza ekonomika iżda ma jipprovdux appoġġ baġitarju dirett.
- 62 Il-programm tal-GBS eżaminat (il-programm 10) kien it-tieni taħt l-10 FEŻ għal Haiti. L-ewwel programm iffirmat fl-2009 inizjalment kien jammonta għal EUR 27 miljun u ġie miżjud għal EUR 61 miljun mill-pakkett B u mill-fondi VFLEX.
- 63 IL-PARDH, adottata fl-2010.
- 64 "Document de Stratégie Nationale de Croissance et de Réduction de la Pauvreté" (2008-2010); "Plan Stratégique de Développement d'Haiti, Cadre de Croissance Triennal" (2012-2015).
- 65 EUR 375 000 biss (minn EUR 3 miljun) ġew żburżati minħabba n-nuqqas ta' kisba ta' tmien indikaturi (minn disgħa) fil-qasam tal-ĠFP.

għat-tnejn għal kriżijiet (il-programm 13) ma laħaqx l-objettivi pplanati tiegħu b'mod sodisfaċenti (ara l-**Kaxxa 6**). L-esperjenza relatata mal-pajjiż tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni kienet fattur importanti li ma tteħidx inkunsiderazzjoni biżżejjed.

57

F'sitwazzjoni fejn il-funzjonament essenzjali tal-Istat kien imdgħajef b'mod sinifikanti, il-forniment ta' appoġġ baġitarju kien jinvolvi riskju fiduċjarju għoli⁶⁶. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni raġonevoli tal-livell prevalenti ta' riskji fiduċjarji. Madankollu, fid-dawl tal-livell limitat ta' appoġġ minn donaturi oħra⁶⁷, il-pakkett ta' assistenza kumplementari kien insuffiċjenti u ma kienx iffukat sew fuq funzjonijiet ewlenin biex jippermetti li jsir titjib sinifikanti u prijoritizzat għas-salvagwardja tar-riżorsi pubbliċi (ara l-**Kaxxa 7**). Matul iż-żjara tagħha f'Haiti fi Frar 2012, delegazzjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew sabet sistemi inadegwati ta' kontroll u ta' kontabilità nazzjonali⁶⁰.

66 Huwa probabbli li waħda mill-konsegwenzi ta' sistemi dgħajfa tal-GFP hija l-frodi u l-korruzzjoni mifruxa. L-Indiċi 2013 tal-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' Trasparenza International jikklassifika lil Haiti fil-163 post mill-177 pajjiż kopert. Eżempju ta' frodi u korruzzjoni fuq skala kbira huwa l-każ ta' 41 kuntratt li jammontaw għal aktar minn USD 500 miljun mogħtija b'mod irregolari matul il-perjodu Novembru 2010 - Ottubru 2011.

67 Matul iż-żjara tal-Qorti, ebda donatur ieħor ma kien qed jimplementa appoġġ istituzzjonali sinifikanti fil-qasam tal-GFP. FI-2010, l-esperti tal-FMI għenu biex jikkontrollaw ir-riżorsi pubbliċi, iżda ma ġie żgurat ebda segwitu adegwat mill-komunità tad-donaturi.

Kaxxa 6

Diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-**"Programme to support the restoration of the Haitian government's crisis preparedness capacity"** (Programm biex jappoġġa l-istabbiliment mill-ġdid tal-kapaċità tal-gvern Haitjan għat-tnejn għal kriżijiet) (il-programm 13) iffinanzjat mill-IfS

Il-programm kellu l-għan li jgħin biex terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità tal-gvern Haitjan għat-tnejn għal kriżijiet. L-objettiv li jitwasslu 300 kontejner ta' tagħmir ta' emerġenza f'140 post madwar il-pajjiż kollu spiċċa kien ambizzjuż wisq biex jintlaħaq fi ħdan l-iskadenza pplanata. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni kellu diffikultajiet biex jidenfitika postijiet adatti, biex jiżgura l-kwalità suffiċjenti tal-materjal u l-aċċessibilità tiegħu. Toroq li wieħed ma jistax jgħaddi minnhom, kapaċità limitata fil-port u fl-ajruport, nuqqas ta' disponibilità ta' fjuwil u dewmien doganali spiċċaw kienu sfidi stmati b'mod insuffiċjenti għal sieħeb b'ebda esperjenza lokali preċedenti.

Miżuri biex jiproteġu l-fondi tal-UE

Fir-Rapport Speċjali Nru 11/2010 tagħha dwar l-immaniġġjar mill-Kummissjoni tas-sostenn (appoġġ) baġitarju ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja, il-Qorti rakkomandat li l-Kummissjoni ssaħħaħ l-immaniġġjar tagħha tar-riskji. Dan għandu jinkludi miżuri fuq terminu iqsar fejn is-sistemi tal-GFP jkunu dgħajfa b'mod partikolari, li huwa l-każ f'Haïti, kif ikkonfermat mill-valutazzjoni 2011 tan-Nefqa Pubblika u Responsabbiltà Finanzjarja (PEFA). Miżuri fuq terminu iqsar għall-protezzjoni aħjar tal-fondi tal-UE kontra l-ħela, it-tixrid u l-inefficijenza jistgħu jinkludu l-awditu tal-paga tal-impjegati taċ-Civil (madwar 50 % tal-baġit attwali), ir-rinforz ta' dipartimenti tad-dħul (dwana, taxxa), appoġġ speċifiku lil funzjonijiet kontabilistiċi u appoġġ istituzzjonali lill-*"Cour supérieure des comptes et du contentieux administratif"* inoperattiva.

58

Matul it-tnejn tal-programm, riskji politiċi ġew identifikati mill-Kummissjoni⁶⁸ u mmonitorjati matul l-implimentazzjoni iżda ma għet ippjanata ebda miżura ċara biex jiġu indirizzati, f'każ li jseħħu. L-instabbiltà u l-volatilità politika interferixxew b'mod regolari fl-iżvilupp u fil-konsolidazzjoni ta' dialogu politiku u ta' politika bejn il-Gvern u d-donaturi tal-GBS. Sussegwentement, rieda politika insuffiċjenti, proċessi leġiżlattivi bil-mod u kapaċità amministrattiva limitata spiċċaw kienu restrizzjonijiet maġġuri fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni ta' riformi kruċjali b'mod effettiv u fl-implimentazzjoni tal-programm kif ippjanat (ara l-paragrafi 52 sa 54).

Il-monitoraġġ kien ibbażat fuq qafas xieraq iżda ġew allokati riżorsi insuffiċjenti

59

Kif imsemmi hawn fuq fil-paragrafi 6 u 7, id-delegazzjoni tal-UE stess kienet affettwata b'mod serju mit-terremot. Il-Kummissjoni u s-SEAE ma ħadux miżuri f'waqthom biex jibagħtu biżżejjed persunal bil-ħiliet u l-esperjenza rilevanti fi ħdan il-fażi kritika. Ir-riżorsi tal-persunal tad-delegazzjoni tal-UE ġew miżjuda biss reċentement⁶⁹. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, id-delegazzjoni tal-UE għamlet sforzi ta' monitoraġġ notevoli iżda kellha ftit li xejn kapaċità biex twettaq żjarat fuq il-post⁷⁰, li kieku kienu jkunu utli f'sitwazzjoni li kienet qed tevolvi b'mod rapidu.

68 Eż. bidla fil-gvern, rieda politika insuffiċjenti għal riforma, instabbiltà soċjali.

69 Id-delegazzjoni tal-UE għet rinforzata bi 11-il post addizzjonali fi tmiem l-2013.

70 Id-delegazzjoni tal-UE f'Port-au-Prince għandu t-tieni l-ogħla volum ta' xogħol fost ir-rappreżentazzjonijiet kollha tal-UE skont il-valutazzjoni tal-volum ta' xogħol tal-EuropeAid.

60

Is-sistema ta' monitoraġġ użata mill-ECHO kienet ibbażata fuq qafas ta' rappurtar standardizzat u obbligatorju li jipprovdi informazzjoni xierqa u jqabbilha ma' sett ta' indikaturi miftiehma. Fejn kien hemm dewmien jew diffikultajiet mhux mistennija, l-ECHO ħa azzjoni korrettiva f'waqtha. Fil-każ tal-programm "Kostruzzjoni ta' soluzzjonijiet għall-kenn li huma soluzzjonijiet sikuri u sostenibbli" li ma kienx qed jiġi implimentat b'mod sodisfaċenti (ara l-paragrafu 44), l-ECHO waqfet milli tikkoopera mas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni wara li l-programm kien intemm.

61

Għall-programmi tal-IFS, il-monitoraġġ mid-delegazzjoni tal-UE kien ibbażat fuq rapporti dwar il-programmi u fuq żjarat fuq il-post, kif ukoll fuq evalwazzjonijiet interim u finali minn esperti esterni. Diversi dgħufijiet misjuba matul l-evalwazzjoni interim ġew indirizzati malajr bis-sostituzzjoni tal-manijer tal-proġetti lokali, bl-istabbiliment ta' monitoraġġ aktar mill-qrib u bit-titjib tal-koordinazzjoni bejn is-sħab.

62

Il-programm ta' rikostruzzjoni urbana tal-EuropeAid (il-programm 9) għandu stabbiliment orjentat lejn ir-riżultati. Il-monitoraġġ tal-progress bi tqabbil ma' indikaturi definiti b'mod ċar kien żgurat permezz ta' rappurtar finanzjarju u narrattiv mis-sħab, żjarat lill-proġetti minn manijers tal-programmi u minn żjarat ta' Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati (MOR). Madankollu, minkejja l-għadd limitat ta' żjarat fuq il-post mid-delegazzjoni tal-UE minħabba l-volum kbir ta' xogħol tagħhom (ara l-paragrafu 59), ebda superviżjoni teknika indipendenti ma kienet ipplanata biex tiġi ċċekkjata l-kwalità tax-xogħol ta' rikostruzzjoni, li kienet importanti b'mod partikolari għal dan il-programm.

63

Matul l-implimentazzjoni tal-programm tal-GBS eżaminat (il-programm 10), il-grupp ta' donaturi kkonċernati, immexxija mill-Bank Dinji (WB), ma wettqax b'mod konsistenti l-monitoraġġ konġunt intenzjonat tal-progress fil-governanza ekonomika⁷¹, li kellu jkun il-bażi għal deċiżjonijiet koordinati ta' żborżament. Din is-sitwazzjoni naqqset ukoll l-oportunitajiet għal djalogu politiku u ta' politika mal-Gvern. Bl-istess mod bħal donaturi oħra, id-delegazzjoni tal-UE kellha tagħmel il-valutazzjonijiet tagħha stess. Madankollu, id-delegazzjoni tal-UE ma kellhiex biżżejjed kompetenza speċifika fil-qasam tal-ĠFP u r-rinforz tar-riżorsi umani tad-delegazzjoni tal-UE kien ferm wisq bil-mod.

71 Fuq il-bażi tal-indikaturi miftiehma.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

32

64

Il-Qorti tikkonkludi li l-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni wara t-terremot f'Haiti fl-2010 kien imfassal sew kumplessivament iżda l-programmi ma ġewx implimentati b'mod effettiv biżżejjed. B'hal donaturi oħra, il-Kummissjoni ffaċċat ostakli serji fl-isforzi tagħha biex tappoġġa r-riabilitazzjoni. Hija kienet iffaċċata bl-isfida diffiċli li timmaniġġja l-għajjnuna tagħha fi sħubija ma' awtoritajiet nazzjonali dgħajfa - sabiex ttejjeg is-sjeda u tikkontribwixxi għall-emerġenza ta' gvern li jiffunzjona - filwaqt li tfittex li tiżgura għajjnuna rapida. Madankollu, il-Kummissjoni setgħet tejbet l-immaniġġjar tagħha ta' xi fatturi taħt il-kontroll tagħha.

65

Il-Kummissjoni indirizzat ħtiġijiet għar-riabilitazzjoni li kellhom prijorità. Flimkien ma' donaturi maġġuri oħra, il-Kummissjoni identifikat b'mod korrett il-ħtiġijiet maġġuri għar-riabilitazzjoni f'Haiti wara t-terremot tal-2010 u adottat strateġija ta' kooperazzjoni tajba li indirizzat l-isfidi ġodda ffaċċati mill-pajjiż filwaqt li kompliet l-appoġġ tagħha għal żvilupp soċjoekonomiku fuq terminu twil. Id-diviżjoni tax-xogħol bejn id-donaturi kien xieraq iżda l-koordinazzjoni matul l-implimentazzjoni kienet diffiċli (ara l-paragrafi 18 sa 27).

66

Minkejja xi sforzi mill-Kummissjoni, l-għajjnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp ma kinux ikkollegati biżżejjed. Il-Kummissjoni użat firxa ta' strumenti kumplementari b'mod flessibbli u fasslet programmi individwali ta' riabilitazzjoni biex tiżgura l-kollegament bejn l-għajjnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp. Madankollu, l-ECHO u l-EuropeAid ma kellhom ebda strateġija ċara u komuni għall-pajjiż biex jagħmlu l-aħjar użu mis-sinerġiji u biex joħolqu tranżizzjoni bla xkiel bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom. L-amministrazzjoni nazzjonali dgħajfa u l-impenn insuffiċjenti għar-riforma mill-gvern kienu sfidi sinifikanti għal riabilitazzjoni effettiva u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli (ara l-paragrafi 28 sa 40).

67

Il-Kummissjoni ma żgurax implimentazzjoni effettiva biżżejjed tal-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni. Mit-13-il programm eżaminati mill-Qorti, 10 wasslu, jew x'aktarx li kienu se jwasslu, l-outputs ippjanati tagħhom, għalkemm kważi kollha kemm huma b'dewmien. Tliet programmi kisbu progress limitat, inkluż il-programm għall-appoġġ baġitarju ġenerali tal-10 FEŻ. Filwaqt li l-Kummissjoni kienet konxja sew mill-kuntest diffiċli, hija ma mmaniġġjatx biżżejjed xi riskji sinifikanti għall-implimentazzjoni u l-ilħuq tal-objettivi tal-programmi tagħha. Il-monitoraġġ tal-programmi kien ibbażat fuq qafas xieraq iżda l-Kummissjoni u s-SEAE ma ħadux miżuri f'waqthom biex isaħħu r-riżorsi tad-delegazzjoni tal-UE, u din kellha kapaċità insuffiċjenti biex twettaq żjarat fuq il-post, li kieku kienu jkunu utli b'mod partikolari f'sitwazzjoni li kienet qed tevolvi b'mod rapidu (ara l-paragrafi 41 sa 63).

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

68

Fuq il-bażi ta' dan l-awditu l-Qorti tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin biex titjieb l-effettività tal-operazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' sitwazzjoni ta' wara diżastru jew sitwazzjoni fraġli:

Rakkomandazzjoni 1 Immaniġġjar tar-riskju

Il-Kummissjoni għandha, mill-bidu nett tal-programmi u, fejn xieraq, matul l-implimentazzjoni, tivvaluta l-probabbiltà u l-impatt potenzjali tar-riskji prinċipali għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-programmi u tiegħu miżuri biex għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' dawn ir-riskji.

Rakkomandazzjoni 2 Kollegament bejn l-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp

Il-EuropeAid u l-ECHO għandhom jadottaw strateġija komuni dwar l-LRRD biex jiżguraw kollegament effettiv u sinerġija bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom. L-istrateġija għandha tistabbilixxi:

- l-oġġettivi u l-mandati tad-dipartimenti rispettivi;
- il-proċeduri biex jitħejjew pjanijiet ta' azzjoni kkoordinati għall-pajjiż;
- strateġiji ta' ħruġ u proċeduri ta' trasferiment.

Rakkomandazzjoni 3 Appoġġ baġitarju

Meta tkun qed tipprovdi appoġġ baġitarju, il-Kummissjoni għandha, b'koordinazzjoni ma' donaturi oħra:

- tipprovdi appoġġ adegwat għall-bini ta' kapaċità u tiffoka fuq funzjonijiet ewlenin tal-PFM, inklużi mekkaniżmi ta' rendikont u kontra l-korruzzjoni;
- tappoġġa t-tħejjija f'waqtha ta' programm xieraq ta' riforma tal-ĠFP u;
- fejn xieraq, tistabbilixxi miżuri fuq terminu iqsar għas-salvagwardja tal-fondi tal-UE kontra l-ħela, it-tixrid u l-inefficijenza.

Rakkomandazzjoni 4 Dispożizzjonijiet ta' emerġenza għad-delegazzjonijiet tal-UE

F'każijiet li jinvolvu diżastri naturali jew avvenimenti oħra simili, u b'mod partikolari dawk li jaffettwaw il-funzjonament tad-delegazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jiżviluppaw proċeduri għall-kontinwità tan-negozju, inklużi dispożizzjonijiet għal skjerament mill-ġdid ta' persunal f'każ ta' emerġenza.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Ġunju 2014.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

Lista ta' programmi eżaminati

	Sieħeb u Titolu tal-Proġett	Spejjeż Totali (Kontribuzzjoni mill-UE)	Perjodu ta' Implimentazzjoni
ECHO			
1	UNOPS Kenn (Riabilitazzjoni) - Kostruzzjoni ta' soluzzjonijiet għall-kenn li huma sikuri u sostenibbli	EUR 4,2 miljun; UE: EUR 4,1 miljun; sehem ta' 96,5 %	I-1 ta' Ottubru 2010 sal-14 ta' Awwissu 2011 (estensjoni ta' 2,5 xhur)
2	HELP (Hilfe zur Selbsthilfe e.V.) Ilma u sanità (Postijiet ta' kenn) – Kostruzzjoni ta' postijiet ta' kenn u tojlits sikuri	EUR 2,7 miljun (UE: EUR 2,2 miljun; sehem ta' 82,51 %)	I-1 ta' Lulju 2012 – il-31 ta' Diċembru 2013 (estensjoni ta' 8 xhur)
3	WHH (Deutsche Welthungerhilfe eV); Agroazzjoni Ġermaniża) Tħejjija għal diżastri – It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tħejjija għal diżastri u għal sensibilizzazzjoni dwarhom	EUR 887 479; UE: EUR 650 000; sehem ta' 73,24 %	I-1 ta' Lulju 2011 – il-31 ta' Ottubru 2012 (estensjoni ta' xahar) – proġett tad-DIPECHO
4	COOPI (Cooperazione Internazionale Fondazione Italy) Tħejjija għal diżastri (Koordinazzjoni) – Tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' Mmaniġġjar ta' Disastri u ta' Riskji (DRM)	EUR 648 235; UE: EUR 550 000 (84,85 %)	it-13 ta' Awwissu 2012 – il-31 ta' Diċembru 2013 (estensjoni ta' 4,5 xhur)
5	Concern Worldwide Postijiet ta' kenn (Sanità tal-ilma) – Kostruzzjoni ta' post ta' kenn T (terminu twil).	EUR 5,8 miljun; UE: EUR 5,2 miljun, 90 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli)	I-1 ta' April 2010 – it-30 ta' Ġunju 2011 (estensjoni ta' 3 xhur)
6	SI (Solidarités internationales; Franza) Koordinazzjoni (Postijiet ta' kenn) – Attivitajiet "flus kontanti għax-xogħol", installazzjoni ta' kumitati komunitarji u tħejjija għal diżastri	EUR 2,9 miljun; UE: kontribuzzjoni ta' 99 %	I-1 ta' Ottubru 2010 – il-31 ta' Awwissu 2011
7	SI (Solidarités internationales; Franza) – FOOD – Titjib ta' kundizzjonijiet tal-ħajja, għoti ta' aċċess lil servizzi ta' impjieġ u komunitarji (eż. attivitajiet li jiġġeneraw introjtu huma installati b'mod permanenti), għajjnuna biex tissaħħaħ is-sigurtà alimentari	EUR 1 miljun; UE: 100 %	I-1 ta' Settembru 2011 – il-31 ta' Diċembru 2012 (estensjoni ta' 4 xhur)
II-EuropeAid			
8	FAO (Organisation des Nations Unies pour l'Alimentation et l'Agriculture); Améliorer la situation de sécurité alimentaire et nutritionnelle des ménages vulnérables dans le département de l'Artibonite	EUR 1,5 miljun; UE: 80 %	1.11.2012 – 31.10.2014 (24 xahar)
9	Ordonnateur National d'Haïti, AFD, UN-Habitat, Croix-Rouge France, Solidarités International, Concern Worldwide, Care France, Deutsche Welthungerhilfe EV. Programme d'appui à la reconstruction et à l'aménagement de quartiers pour faciliter le retour des populations sinistrées; Programme d'appui à la reconstruction et à l'aménagement de quartiers pour faciliter le retour des populations sinistrées	EUR 74,5 miljun (UE: EUR 55,8 miljun; Franza: EUR 10,5 miljun; NGOs: EUR 8 miljun; UN-Habitat: EUR 200 000)	is-7 ta' Diċembru 2011 sas-7 ta' Diċembru 2016 (60 xahar, bl-inklużjoni ta' estensjoni waħda)
10	Ordonnateur National d'Haïti, u entitajiet oħra ta' kkuntrattar pubbliċi u privati. Programme d'appui budgétaire général au Plan d'action pour la Reconstruction et le Développement d'Haïti (PARDH) et à la Stratégie Nationale de Croissance et de Réduction de la Pauvreté (SNCRP)	EUR 47 miljun (UE: 100 %)	it-2 ta' Mejju 2011 – it-2 ta' Mejju 2015 (48 xhar)

	Sieħeb u Titolu tal-Proġett	Spejjeż Totali (Kontribuzzjoni mill-UE)	Perjodu ta' Implimentazzjoni
Strument għall-Istabbiltà (IfS)			
Programm biex jappoġġa l-istabbiliment mill-ġdid tal-kapaċitajiet tal-Gvern Haitjan għat-Tnejn għal Kriżijiet; id-Deċiżjoni 2010/022-598 – EUR 20 miljun			
11	UNDP – “Flus kontanti għax-xogħol” għal irkupru bikri u stabbilizzazzjoni	Azzjoni minn bosta donaturi li tamonta għal total ta' USD 40,9 miljun (UE: EUR 5 miljun (16 % tal-ispejjeż totali tal-proġett))	1-13 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2012 (kontribuzzjoni tal-IfS bejn 1-1 ta' Settembru 2010 u 1-31 ta' Awwissu 2012)
12	Club de Madrid - It-tisħiħ tal-bażi istituzzjonali ta' Haiti u ż-żieda tas-sjeda tat-tmexxija Haitjana tal-proċess ta' rkupru	EUR 500 000; UE: kontribuzzjoni ta' 100 %	1-1 ta' Lulju 2010 u d-29 ta' Frar 2012
13	International Management Group (Grupp ta' Ġestjoni Internazzjonali) (IMG), Belgrad u Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) - It-tisħiħ tat-tnejn Haitjana għal emerġenzi	EUR 13,25 miljun għall-grupp IMG (koordinatur prinċipali) u EUR 1,25 million (Ċentru Konġunt tar-Riċerka); UE: kontribuzzjoni ta' 100 %	1-14 ta' Ottubru 2010 sal-31 ta' Mejju 2012 (IMG), 1-20 ta' Diċembru 2010 sad-19 ta' Diċembru 2012 (JRC)

Somma addizzjonali ta' EUR 7 miljun hija koperta fit-tieni deċiżjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u l-finanzjament huwa pplanat minn tmem l-2013 'il quddiem1.

1 Id-Deċiżjoni C(2012) 7698 final; (id-Deċiżjoni CRIS 2012/024530); Ma ġie ffirmat ebda ftehim ta' kontribuzzjoni. Il-proġett għadu fi stadju ta' abbozz u ma ġiex eżaminat.

Metodoloġija tas-sistema ta' evalwazzjoni

Għall-iskop tal-awditu, is-sistema ta' evalwazzjoni tar-rilevanza, tat-tfassil u tal-outputs kienet iddeterminata abbażi tal-metodoloġija ta' Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati (MOR) tal-Kummissjoni. Il-kriterji użati huma elenkati hawn taħt:

Rilevanza	
A	Il-proġett huwa inkorporat b'mod ċar fil-politiki nazzjonali u fl-istrateġija tal-KE, huwa rilevanti ħafna għall-ħtiġijiet prijoritarji identifikati u huma mmirat lejn il-gruppi vulnerabbli.
B	Jidħol sew fil-politiki nazzjonali u fl-istrateġija tal-KE (mingħajr ma jkun dejjem espliċitu), huwa rilevanti għall-ħtiġijiet identifikati u għal gruppi vulnerabbli.
C	Hemm xi kwistjonijiet/problemi fir-rigward tal-konsistenza ma' politiki nazzjonali u ma' dawk tal-KE, jew mar-rilevanza għall-immirar.
D	Kuntradizzjonijiet ma' politiki nazzjonali jew mal-istrateġija tal-KE; ir-rilevanza tal-ħtiġijiet hija dubjuża. Jinħtieġu aġġustamenti maġġuri.
Tfassil	
A	Qafas loġiku ċar u strutturat sew; loġika vertikali tal-obiettivi li hija fattibbli u konsistenti; OVIs (Indikaturi Oġġettivament Verifikabbli) li huma SMART u adegwati; riskji u restrizzjonijiet lokali li huma identifikati u mmaniġġjati b'mod ċar; l-obiettivi tal-proġett jiffurmaw punt ta' kollegament bejn il-fażi umanitarja u l-iżvilupp; il-proġett huwa intenzjonat li jwassal għat-tkomplija ta' żvilupp sostenibbli, il-bini ta' kapaċità huwa inkluż biex jiżgura li s-sieħeb ikollu responsabbiltà sħiħa wara tmiem il-proġett u, strateġija ta' ħruġ stabbilita.
B	Loġika adegwata ta' intervent, għalkemm tista' teħtieġ xi titjib fir-rigward tal-ġerarkija tal-obiettivi, l-OVIs, ir-riskji u r-restrizzjonijiet, l-LRRD aċċertata fil-biċċa l-kbira, saru d-dispożizzjonijiet għat-trasferiment bis-sħiħ tar-responsabbiltà, madankollu jingħata l-parir li jsir xi titjib fir-rigward tas-sjieda.
C	Xi problemi bil-loġika ta' intervent jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-proġett u l-kapaċità għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress; jinħtieġ titjib biex jiġu żgurati s-sjieda u s-sostenibbiltà.
D	Il-loġika ta' intervent hija difettuża u teħtieġ revizzjoni maġġuri biex il-proġett ikollu ċans ta' suċċess.
Outputs	
A	L-outputs kollha twasslu, jew x'aktarx li se jitwasslu bi kwalità tajba li tikkontibwixxi għall-eżiti skont kif ippjanat, l-attivitajiet huma implimentati skont l-iskeda u mmonitorjati b'mod regolari.
B	It-twassil tal-output huwa, u x'aktarx li se jkun skont il-pjan, iżda hemm lok għal titjib f'termini ta' kwalità, ta' kopertura u ta' twaqqit. Id-dewmien ma jagħmilx ħsara lit-twassil ta' outputs.
C	Xi outputs ma twasslux/mhux se jitwasslu fil-ħin jew bi kwalità tajba. Xi aġġustamenti huma meħtieġa. Hemm dewmien fuq l-attivitajiet u dan huwa kemxejn skness mil-loġika u mill-pjanijiet ta' intervent.
D	Il-kwalità u t-twassil tal-outputs għandhom, u x'aktarx li se jkollhom, nuqqasijiet serji. Aġġustamenti maġġuri huma meħtieġa biex jiġi żgurat li mill-anqas jitwasslu l-outputs ewlenin. Dewmien serju u sknessjoni fundamentali tal-attivitajiet mil-loġika u mill-pjanijiet ta' intervent.

Sistema ta' evalwazzjoni tal-programmi¹

(EUR miljun)

Programmi u sħab	Strument	Kontribuzzjoni mill-KE	Imħallsa fil-31/12/2013	Rilevanza	Tfassil	Outputs	Perjodu ta' Implimentazzjoni
1 UNOPS - ECHO/-CR/BUD/2010/02028 Postijiet ta' kenn (Riabilitazzjoni) - Kostruzzjoni ta' soluzzjonijiet għall-kenn li huma sikuri u sostenibbli	ECHO	4,1	3,6	B	C	C	10/2010-08/2011
2 HELP (Hilfe zur Selbsthilfe e.V.) - ECHO/HTI/BUD/2012/91008 Sanità tal-ilma (Postijiet ta' kenn) – Kostruzzjoni ta' postijiet ta' kenn u tojlits sikuri		2,2	1,8	A	A	A	07/2010-12/2013
3 WHH (Deutsche Welthungerhilfe eV); Agroazzjoni Ġermaniża - ECHO/DIP/BUD/2011/92002 Thejjiġa għal diżastri – Tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' thejjiġa għal diżastri u għal sensibilizzazzjoni dwarhom		0,7	0,6	A	A	B	07/2010-10/2012
4 COOPI (Cooperazione Internazionale Fondazione Italy) - ECHO/HTI/BUD/2012/91016 Thejjiġa għal diżastri (Koordinazzjoni) – ECHO/HTI/BUD/2012/91016 - Tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Ġestjoni ta' Disastri u ta' Riskji (DRM)		0,6	0,4	A	A	A	08/2012-1/2013
5 Concern Worldwide - ECHO/-CR/BUD/2010/02010 Postijiet ta' kenn (Sanità tal-ilma) – Kostruzzjoni ta' post ta' kenn T (fuq terminu twil)		5,2	5,2	A	B	B	04/2010-06/11
6 SI (Solidarités internationales; France) - ECHO/-CR/BUD/2010/02045 Koordinazzjoni (Postijiet ta' kenn) – Attivitajiet "flus kontanti għax-xogħol", installazzjoni ta' kunitati komunitarji u thejjiġa għal diżastri		2,9	2,9	A	A	A	10/10-08/11
7 SI (Solidarités internationales; Franza) – FOOD – Titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja, għoti ta' aċċess lil servizzi ta' impjieg u komunitarji (eż. attivitajiet li jiġġeneraw l-introjt huma installati b' mod permanenti), għajnuna biex tissaħħaħ is-sigurtà alimentari		1,0	1,0	A	B	A	09/11-12/12
8 FAO (Organisation des Nations Unies pour l'Alimentation et l'Agriculture) (FAO)- DCI-FOOD.2012/299-441; Améliorer la situation de sécurité alimentaire et nutritionnelle des ménages vulnérables dans le département de l'Artibonite	DCI-Ikel	1,5	1,1	A	C	għadu kmieni wisq biex jiġu vvalutati	11/2012 - 10/2014

1 Ara l-Anness II għall-metodoloġija.

(EUR miljun)

Programmi u sħab	Strument	Kontribuzzjoni mill-KE	Imħallsa fil-31/12/2013	Rilevanza	Tfassil	Outputs	Perjodu ta' Implimentazzjoni
9 Programme d'appui à la reconstruction et à l'aménagement de quartiers pour faciliter le retour des populations sinistrées (CRIS Nr 2011/023-144); Ordonnateur National d'Haïti, AFD, UN-Habitat, Croix-Rouge France, Solidarités International, Concern Worldwide, Care France, Deutsche Welthungerhilfe EV.	FEŻ	55,8	11,0	A	A	B	12/2011 - 12/2016
10 Programme d'appui budgétaire générale pour la Reconstruction et le Développement d'Haïti (PARDH) et à la Stratégie Nationale de Croissance et de Réduction de la Pauvreté (SNCRP) (CRIS Nr2010/022-435); Ordonnateur National d'Haïti, u entitajiet oħra ta' kkuntrattar pubbliċi u privati		47,0	34,9	A	C	C	05/2011 - 05/2015
11 UNDP - "Flus kontanti għax-xogħol" għal irkupru bikri u stabbilizzazzjoni	IFS	5,0	5,0	A	A	A	09/2010-08/2012
12 Club de Madrid - Tisħiħ tal-bażi istituzzjonali ta' Haiti u ż-żieda tas-sjieda tat-tmexxija Haitjana tal-proċess ta' rkupru		0,5	0,5	A	A	A	07/2010 - 02/2012
13 International Management Group (Grupp ta' Ġestjoni Internazzjonali) (IMG), Belgrad u Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) - It-tisħiħ tat-tħejjija Haitjana għal emerġenzi		14,5	13,1	A	C	C	10/2010 - 05/2012 (IMG), 12/2010 -12/2012 (JRC)
TOTAL		141,0	81,1				

Sommarju eżekuttiv

III

Il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ jenfasizzaw li l-biċċa l-kbira tal-proġetti laħqu l-oġġettivi tagħhom, minkejja l-kuntest diffiċili li ġew implimentati fih.

Il-Kummissjoni rnexxielha ttaffi l-impatt ta' xi fatturi esterni li wasslu għal dewmien.

V

Filwaqt li strateġija konġunta formali għall-pajjiż ma kenitx meħtieġa għall-LRRD f'Ħaiti, is-servizzi tal-Kummissjoni kkoordinaw l-approċċi tagħhom u żguraw kollegament bejn l-għajnuna u l-iżvilupp fuq bażi settorjali. L-integrazzjoni sħiħa u sistematika tal-approċċ għall-LRRD ġiet inkluża fiċ-ċiklu ta' finanzjament li jkopri l-2014-2020.

VI

Il-Kummissjoni u s-SEAE jenfasizzaw li ħafna proġetti ġabu r-riżultati li kellhom fil-mira.

Rigward ir-riskji, il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ jfakkru li l-ħidma f'pajjiż fraġli inevitabbilment għandha r-riskji tagħha. Filwaqt li dawn ir-riskji ġew identifikati, u l-miżuri ta' mitigazzjoni possibbli ġew stabbiliti, il-Kummissjoni u s-SEAE ddeċidew, f'xi każijiet, li jimplimentaw il-programmi minkejja r-riskji involuti, sabiex ikunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni.

Il-kapaċità tad-delegazzjoni ssaħħet sal-punt li r-restrizzjonijiet fir-riżorsi umani u ta' baġit kif ukoll proċeduri amministrattivi standard ġew permessi.

Billi l-Kummissjoni u s-SEAE tgħallmu mill-esperjenza tat-terremot f'Ħaiti u minn avvenimenti ta' kriżi f'pajjiżi oħra, introduċew għadd ta' miżuri ta' rispons rapidu.

VII L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni

- i) Sa mill-adozzjoni, f'Jannar 2013, ta' linji gwida ġodda dwar l-appoġġ baġitarju, ir-rakkomandazzjoni għall-programmi ta' appoġġ baġitarju diġà qiegħda fis-seħħ.
- ii) Il-ġestjoni adegwata tar-riskju hija importanti għall-programmi kollha. Proċeduri ddetaljati jinsabu fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-valutazzjoni tal-probabbiltà, l-impatt potenzjali u l-miżuri ta' mitigazzjoni fit-tfassil tal-programm. Matul l-implimentazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju ser tiġi kkunsidrata fil-qafas ta' proċeduri li jeżistu diġà.

VII It-tieni inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni diġà qiegħda timplimenta l-istrateġija tal-LRRD u se tkompli tagħmel hekk fil-qafas tal-aġenda dwar ir-reżiljenza.

- Il-Kummissjoni taċċetta din il-parti tar-rakkomandazzjoni, l-għanijiet tal-istrateġija komuni huma definiti (speċifiċi għall-kuntest) bħala parti mit-tnejn tal-pjanijiet tal-pajjiż. Il-mandati tad-dipartimenti huma definiti fl-istqarrijiet tal-missjoni.
- Il-Kummissjoni taċċetta din il-parti tar-Rakkomandazzjoni (ara l-gwida dwar l-LRRD u l-workshops).
- Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni bħala parti mill-pjanijiet ta' azzjoni tal-pajjiżi.

VII It-tielet inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

Il-Kummissjoni tenfasizza li għal pajjiżi f'sitwazzjonijiet fraġli u ta' kriżi jew ta' wara l-kriżi, l-assistenza għandha tiġi adattata skont is-sitwazzjoni sabiex ikollha grad ta' suċċess. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni żviluppat strument speċifiku ta' intervent magħrufa bħala "l-Kuntratt għall-Bini tal-Istat", li fih dispożizzjonijiet għal sitwazzjonijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li r-Rakkomandazzjoni 3 tal-Qorti hija inkluża fil-linji gwida ta' appoġġ baġitarju.

VII Ir-raba' inċiż

Il-Kummissjoni u s-SEAE jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni, iżda jixtiequ jenfasizzaw li sadanittant, il-proċeduri għall-kontinwità tal-operat stabbiliti taħt ir-responsabbiltà tas-SEAE, u d-dispożizzjonijiet għar-riallokazzjoni tal-persunal ta' emerġenza ġew stabbiliti għad-Delegazzjonijiet kollha. Barra minn hekk, jixtiequ jfakkru li s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal tal-UE huma l-ewwel prijorità f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' diżastri f'pajjiż li fih hemm preżenti l-persunal tal-UE.

Osservazzjonijiet

Il-Kummissjoni tqis li kien hemm biżżejjed rabta bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi diffiċli.

35

Għalkemm ma ġietx stabbilita strateġija komuni b'mod formali, fil-prattika saru għadd ta' laqgħat bejn is-sħab, u l-informazzjoni ġiet maqsuma bejn l-ECHO u EuropeAid. Dan żgura kumplementarità u kollegament bejn l-attivitajiet umanitarji u ta' żvilupp ifffinanzjati.

Sa miż-żjara tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kontroll tal-Baġit f'Haiti, il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex tindirizza din is-sitwazzjoni.

F'livell lokali, tiġi żgurata koordinazzjoni bejn l-uffiċjali fuq il-post tal-ECHO u d-Delegazzjoni tal-UE permezz ta' laqgħat regolari fejn jinfurmaw u jikkonsultaw ma' xulxin dwar it-tfassil tal-programmi u l-progress miksub. Iż-żewġ uffiċċji b'ħalissa qegħdin jabbozzaw Qafas Umanitarju u tal-Iżvilupp konġunt. Barra minn hekk, il-Kap tad-Delegazzjoni huwa dak li jirrappreżenta f'isem l-UE, t-tħassib umanitarju.

Ukoll, fil-livell ta' kwartieri ġenerali, il-koordinazzjoni ġiet mtejba sew minn għadd ta' attivitajiet u proċeduri:

- Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Reżiljenza,
- ittra b'istruzzjonijiet konġunti mill-UE u l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-aproċċ tal-UE għar-reżiljenza, sabiex tiġi inkoraġġgħta azzjoni kollaborattiva effettiva tal-Istati Membri tal-UE, li tgħaqqad f'daqqa l-għajnuna umani-tarja, il-koperazzjoni għall-iżvilupp fuq terminu twil u l-impenn politiku kontinwu kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell Nazzjonali;
- grupp ta' interservizz dwar it-tranżizzjoni;
- linji gwida dwar l-operazzjonijiet tal-LRRD;
- proċessi ta' konsultazzjoni formali u informali dwar il-programmi;

35 (b)

Fil-fehma tal-Kummissjoni, hemm mandati u proċeduri differenti bejn is-servizzi, iżda ma hemmx differenza fl-opinjoni. ECHO ma għandux il-mandat biex jimplimenta investimenti ta' żvilupp fuq terminu twil, u għalhekk ma jistax jifffinanzja djar permanenti.

Ta' min jinnota li mill-2013, il-Kummissjoni waqqfet il-finanzjament għall-kenn temporanju f'Port-au-Prince, fejn ġiet żviluppata sinerġija effikaċi bejn l-esperjenza miksuba minn sħab l-ECHO u l-programm għar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp tal-viċinat ifffinanzjat minn DEVCO. L-ECHO ffinanzja xi rifuġji temporanji, fil-forma ta' djar Kreoli tradizzjonali, fir-reġjun ta' Palmes, l-epiċentru tat-terremot, fejn kienet disponibbli art mhux ikkuntestata u fejn ma kien hemm l-ebda riskju li dawn jikkontribwixxu għall-multiplikazzjoni ta' kwartieri fqar. F'ħafna, jekk mhux fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, għall-benefiċjarju, l-akkwist ta' rifuġju temporanju kien jirrappreżenta titjib meta mqabbel ma' dak li kien jgħix fih qabel it-terremot.

35 (c)

L-azzjonijiet umanitarji ffinanzjati mill-UE huma bbażati fuq il-ħtiġijiet. Strateġija ta' ħruġ tal-ECHO għal Haiti għadha ma ġiex ifformalizzata bħala tali. Madankollu, il-kundizzjonijiet għat-tneħħija progressiva tal-istrument umanitarju ġew indikati sistematikament fid-deċiżjonijiet rilevanti kollha ta' finanzjament mill-ECHO.

37

Id-dewmien kien fil-biċċa l-kbira kkawżat minn fatturi esterni ddeterminati mill-kuntest li dejjem kien qed jevolvi bil-ħeffa, li ma kellhomx kontroll fuqhom is-sħab tal-ECHO.

40

Il-filosofija ta' appoġġ baġitarju tippreskrivi li l-ħlas isir fuq ir-riżultati miksuba. Dan jirrikjedi li jiġi żgurat bilanċ delikat bejn l-prevedibbiltà u l-kundizzjonalità.

Iż-żamma ta' pagamenti mill-UE u minn donaturi oħra fis-sajf tal-2012 kienet dovuta għal rapporti tal-awditjar nazzjonali li indikaw nuqqasijiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku waqt l-istat ta' emerġenza fl-2011. Il-persjoni mill-komunità tad-donaturi xprunat il-ħolqien ta' kummissjoni tal-awditjar speċjali sabiex tivvaluta 41 kuntratt li għaddew tal-proċeduri tal-liġi ta' emerġenza. Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Awditjar u kanċellazzjoni sussegwenti ta' sitta minn dawn il-kuntratti mill-Gvern, id-donaturi komplew bil-pagamenti. Dan huwa eżempju tal-kapaċità ta' ingranaġ li l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju jista' jkollhom għal governanza ekonomika mtejba u ta' x'kontribut kiseb il-programm għar-riforma.

Il-Kummissjoni u s-SEAE jikkunsidraw li l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-UE għar-riabilitazzjoni kienet konsiderevolment effettiva.

42

Minkejja ċirkostanzi diffiċli li kienu r-raġuni ewlenija għad-dewmien, il-parti l-kbira tal-programmi kisbu r-riżultati intenzjonati.

43

Interventi ta' salvataġġ xprunati minn kriżi għal għarrieda normalment jinvolvu livell ta' riskju, li jistgħu jikkawżaw dewmien jew inkella f'xi każijiet, ikunu jeħtieġu miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jiġi żgurat l-eżitu pożittiv tal-proġetti.

Minħabba dan, kienu primarjament fatturi esterni f'ambjent umanitarja kumpless li għamlu l-kollaborazzjoni aktar u aktar diffiċli, li wasslu għal bidla fil-qasam tal-intervent. Minkejja l-ostakli, is-sħab kienu kapaċi jilħqu l-għanijiet stabbiliti fl-azzjonijiet. Il-bidliet li seħħew fl-implimentazzjoni tal-proġetti ġew diskussi adegwament bejn l-ECHO u s-sħab qabel ma ttieħdu d-deċiżjonijiet.

Huwa diffiċli li jiġu antiċipati dawn it-tipi ta' komplikazzjonijiet meta jkunu qed jiġu ppjanati negozjali ma' muniċipalitajiet jew awtoritajiet nazzjonali.

44

L-implimentazzjoni tal-proġett ta' riabilitazzjoni, kienet affettwata minn żewġ kwistjonijiet:

- 1) L-inkwiet soċjali fiż-żona Bristou-Bobin fejn proġett iffinanzjat mill-ECHO kien ġie implementat. Inċidenti ta' vjolenza ripetuta fil-kuntest elettorali u f'attivitajiet imblukkati minħabba kwistjonijiet komunitarji għal raġunijiet ta' sigurtà.
- 2) Is-sieħeb matul il-proġett sab ukoll li 30 % tal-binjiet ta' Bristou-Bobin ma ġewx ivvalutati mill-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi (MTPTC). Kellha ssir valutazzjoni tal-bini għal għarrieda, li kompliet tipperikola t-twassil tar-riżultati ppjanati.

46

Minbarra r-rapport ta' evalwazzjoni finali, il-Kummissjoni ddeċidiet li tindirizza l-kwistjonijiet imsemjija tdwar it-taħriġ insuffiċjenti u mhux kompletament adattat, il-materjal ta' kwalità mhux adegwata fit-tagħmir ta' emerġenza u sfidi oħra permezz ta' programm interim ta' rispons li jsegwi fuq tliet snin ma' sieħeb tal-implimentazzjoni differenti b'aktar esperjenza lokali.

48

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tikseb bilanċ bejn, minn naħa waħda, il-programmi li huma kompletament proprjetà tal-benefiċjarju u implimentati minnu sabiex tinbena l-kapaċità ta' dan tal-aħħar u min-naħa l-oħra, t-twassil malajr tar-riżultati tal-programm. Il-Kummissjoni riedet issib dan il-bilanċ billi taħdem ma' sħab differenti.

51

Il-miżuri biex jirrettifikaw in-nuqqasijiet tad-disinn diġà ġew implimentati.

53

Il-Kummissjoni taqbel li l-ħlasijiet ma segwewx l-iskeda indikattiva ta' żmien b'mod strett, iżda taqbel li kien neċessarju li jinżammu l-ħlasijiet sabiex jiġu rrispettati t-termini tal-ftehim ta' finanzjament u biex ikun hemm il-perssioni meħtieġa li tinkuraġġixxi l-avvanz fir-riforma.

54

Il-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju ma jitolbux li jkun hemm strateġija xierqa tal-PFM bħala kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-appoġġ baġitarju, iżda jeħtieġu l-eżistenza ta' sforzi ta' riforma li jkunu jis-sarfu fl-eżistenza ta' strateġiji tal-PFM "sottosettorjali". F'Ħaiti, filwaqt li l-gvern kien biss riċentement li adotta strateġija komprensiva tal-PFM f'Mejju 2014, kien għal żmien twil qed jimplimenta għadd ta' strateġiji li jolqtu l-aspetti differenti tal-PFM. Barra minn hekk, fl-appoġġ baġitarju tal-Kummissjoni, li

għandu approċċ li jħares 'il quddiem, l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva u realistika tal-PFM kienet inkluża bħala kundizzjoni minn qabel għall-ewwel pagament fil-programm ta' appoġġ baġitarju l-ġdid għal Ħaiti, adottat f'Novembru 2013. Din il-prekundizzjoni issa ntleħqet permezz tal-adozzjoni reċenti ta' din l-istrateġija

56

Il-Kummissjoni tqis li hija ġġestiet b'mod xieraq ir-riskji għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE. Il-ħidma f'pajjiż fraġli inevitabbilment għandha r-riskji tagħha.

56 (a)

Il-problemi tad-dwana kienu amplifikati minħabba l-kaos ta' wara t-terremot. Analiżi tar-riskju twettqet b'mod sistematiku mis-sħab tal-implimentazzjoni kollha, u d-dewmien potenzjali minħabba fost affarijiet oħra d-dewmien doganali, ittieħed inkonsiderazzjoni u tniżżel fl-oqfsa tal-proposti. Kien evidentement impossibbli li jiġi antiċipat eżattament it-tul ta' żmien ta' dan id-dewmien. Meta jitqies il-fatt li ma kien hemm l-ebda alternattiva sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni tal-popolazzjoni ħlief bl-importazzjoni tar-rifuġji, il-benefiċċji ta' din l-operazzjoni kienu ogħla mir-riskji identifikati marbutin mad-dewmien doganali.

56 (b)

Komplementari għall-appoġġ istituzzjonali ta' donaturi oħra lill-Ministeru tal-Agricoltura għat-tiħiħ mill-ġdid tal-industrija tal-produzzjoni taż-żerriegħa u t-tiħiħ tal-kapaċitajiet ta' kontroll tal-kwalità tagħha, il-programm tal-UE appoġġja gruppi lokali ta' bdiewa involuti fil-produzzjoni ta' żerriegħa artiġjanali.

56 (c)

Dan il-proġett bħala għanijiet ippjanati ried jikseb impatt immedjat f'livell operattiv billi jistabbilixxi 300 kontejner b'taġħmir tal-ewwel għajnuna u billi jħarreġ volontiera f'livell lokali sabiex jimmaniġġjaw dan it-taġħmir f'każ ta' diżastri naturali. Filwaqt li l-proġett fil-fatt rnexxielu jpoġġi 302 kontejner fil-pajjiż u biex jagħti taħriġ bażiku lit-3041 volontier lokali b'estensjoni ta' xahrejn biss fuq il-perjodu ta' implimentazzjoni, kien imfassal ukoll bħala proġett pilota li jista' jitressaq taħt l-oqfsa ta' kooperazzjoni (Fond Ewropew għall-Iżvilupp) għal Haiti.

Fir-rigward tal-għażla tas-sieħeb tal-implimentazzjoni, il-Kummissjoni tixtieq issemmi li l-ebda wieħed mis-sħab b'esperjenza relevanti fit-tul f'Haiti ma kien disponibbli biex iwettaq din l-azzjoni.

Kaxxa 6

Il-post għall-kontejners ġie assenjat mill-awtoritajiet ta' Haiti (DPC – Direction de la Protection Civile) u s-sindki tal-irħula kkonċernati. Id-DPC rrappurtat 10 każijiet biss (minn 302) fejn kien hemm bżonn ta' rilokazzjoni.

Il-programm interim ta' rispons ta' segwitu se jindirizza n-nuqqas ta' taħriġ tal-voluntiera. Barra minn hekk, se jkompli jżid is-sostenibbiltà tan-network tal-voluntiera permezz tal-integrazzjoni tal-istruttura ma' dik tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (collectivités territoriales), u l-ħolqien mill-ġdid fejn meħtieġ tat-taġħmir ta' emerġenza.

57

Il-programm ta' appoġġ baġitarju tfassal wara t-terremot f'koordinazzjoni ma' donaturi oħra tal-appoġġ baġitarju. Il-prijorità kienet li jingħataw r-riżorsi tat-teżor lill-Gvern li kien tant jenħtieġ kif ukoll il-miżuri ta' magħhom sabiex jittieħed kont tal-assistenza teknika pplanata minn donaturi oħra.

Fil-programm ta' appoġġ baġitarju l-ġdid (il-Kuntratt għall-Bini tal-Istat) adottat fl-2013, il-pakkett ta' assistenza teknika żdied għal 12-il miljun euro sabiex ikopri l-bżonnijiet tal-gvern għall-bini tal-kapaċitajiet.

Kaxxa 7

Il-programm ta' appoġġ baġitarju l-ġdid għal Haiti, adottat f'Novembru 2013, huwa bbażat fuq il-modalità speċifika għall-pajjiżi fraġli. Fost miżuri oħra, l-awditjar tal-pagi tal-impjegati taċ-ċivil, it-tiżiħ tal-introjtu tad-dipartimenti u l-appoġġ speċifiku lill-Istituzzjoni tal-Awditjar Suprema (*Cour supérieure des comptes et du contentieux administratif*) huma inklużi f'din l-operazzjoni.

58

Il-Kummissjoni u s-SEAE kkunsidraw sew ir-riskji politiċi f'Haiti, iżda xorta waħda ddeċidew li jintervjenu, billi l-benefiċċji potenzjali, inkluzja l-possibbiltà li tiġi eżerċitata influwenza politika għall-appoġġ tar-riformi, għelbu r-riskji.

Miżuri ta' mitigazzjoni ġew konsegwentement adottati sa fejn kien possibbli, filwaqt li tqieset il-kapaċità limitata tal-istituzzjonijiet ta' Haiti u l-ħtieġa li s-sovranità ta' Haiti tiġi rrispettata. L-UE żiedet l-importanza u l-intensità tad-djalogu politiku taġħha ma' Haiti, kif deher f'diversi kuntatti ta' livell għoli f'dawn l-aħħar sentejn u bit-tnedija ta' djalogu politiku strutturat u regolari f'Diċembru 2013. Miżuri ta' appoġġ speċifiċi, li għandhom l-għan jikkontribwixxu għall-istabbiltà politika qed jiġu implimentati. Il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ wkoll jenfasizzaw li l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istabbilizzazzjoni tal-kuntest politiku f'Haiti tista' tinkiseb biss fuq medda twila ta' żmien u permezz ta' proċess endoġenu, kif juru l-avvanzi riċenti tad-"Djalogu ta' bejn iż-żoni ta' Haiti".

59

Il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ jenfasizzaw li huma saħħew il-kapaċità safejn ir-restrizzjonijiet ta' riżorsi umani u baġitarji kif ukoll il-proċeduri amministrattivi permanenti kienu jippermettu. Id-Delegazzjoni, b'has-sħab l-oħra kollha nazzjonali u internazzjonali, kellha taħdem f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna: il-bini tad-delegazzjoni kien meqjus perikoluż u ġie stabbilit spazju għall-uffiċċji temporanji f'residenza tad-Delegazzjoni li kienet sikura. Immedjatamnet wara t-terremot, il-persunal tad-Delegazzjoni ġie evakwat lejn ir-Repubblika Dominikana, filwaqt li l-Kap tad-Delegazzjoni baqa' fejn kien mal-persunal essenzjali tas-sigurtà u tal-amministrazzjoni.

Ġie pprovdut appoġġ bażiku mid-Delegazzjoni fir-Repubblika Dominikana u mill-Kwartieri Ġenerali.

63

Matul l-2010 u l-2011, ir-riżorsi limitati fid-delegazzjoni kienu kkomplimentati b'iktar appoġġ mill-Kwartieri Ġenerali. Pereżempju, għall-appoġġ baġitarju, esperti mill-Kwartieri Ġenerali regolarment wettqu missjonijiet lejn Haiti u rrappreżentaw lill-UE f'laqgħat ta' koordinazzjoni għad-donaturi mal-Gvern.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

64

Il-Kummissjoni u s-SEAE jilqgħu l-elementi pożittivi fil-konklużjoni tal-Qorti li l-maġġoranza tal-proġetti laħqu l-oġġettivi tagħhom, minkejja l-kuntest diffiċili li ġew implimentati fih.

66

Filwaqt li strateġija konġunta formali għall-pajjiż ma kenitx meħtieġa għall-LRRD f'Haiti, is-servizzi tal-Kummissjoni kkoordinaw l-approċċi tagħhom u żguraw kollegament bejn l-ghajjnuna u l-iżvilupp fuq bażi settorjali. L-integrazzjoni sħiħa u sistematika tal-approċċ għall-LRRD ġiet inkluża fiċ-ċiklu ta' finanzjament li jkopri l-2014-2020.

67

Il-Kummissjoni u s-SEAE jenfasizzaw li ħafna proġetti ġabu r-riżultati li kellhom fil-mira.

Rigward ir-riskji, il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ jfakkru li l-ħidma f'pajjiż fraġli inevitabbilment għandha r-riskji tagħha. Filwaqt li dawn ir-riskji ġew identifikati, u l-miżuri ta' mitigazzjoni possibbli ġew stabbiliti, il-Kummissjoni ddeċidiet, f'xi każijiet, li timplimenta l-programmi minkejja r-riskji involuti, sabiex ikunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni.

Il-kapaċità tad-delegazzjoni ssaħħet sal-punt li r-restrizzjonijiet fir-riżorsi umani u ta' baġit kif ukoll il-proċeduri amministrattivi standard kienu permessi.

Billi l-Kummissjoni u s-SEAE tgħallmu mill-esperjenza tat-terremot f'Haiti u minn avvenimenti ta' kriżi f'pajjiżi oħra, introduċew għadd ta' miżuri ta' rispons rapidu.

Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni

- i) Sa mill-adozzjoni, f'Jannar 2013, ta' linji gwida ġodda dwar l-appoġġ baġitarju, ir-rakkomandazzjoni għall-programmi ta' appoġġ baġitarju diġà qiegħda fis-seħħ.
- ii) Il-ġestjoni adegwata tar-riskju hija importanti għall-programmi kollha. Proċeduri ddettaljati jin-sabu fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-valutazzjoni tal-probabbiltà, l-impatt potenzjali u l-miżuri ta' mitigazzjoni fit-tfassil tal-programm. Matul l-implimentazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju ser tiġi kkunsidrata fil-qafas ta' proċeduri li jeżistu diġà.

Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni diġà qiegħda timplimenta l-istrateġija tal-LRRD u se tkompli tagħmel hekk fil-qafas tal-aġenda dwar ir-reżiljenza.

Rakkomandazzjoni 2 - L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta din il-parti tar-rakkomandazzjoni, l-għanijiet tal-istrateġija komuni huma definiti (speċifiċi għall-kuntest) bħala parti mit-tnejn tal-pjanijiet tal-pajjiż. Il-mandati tad-dipartimenti huma definiti fl-istqarrijiet tal-missjoni.

Rakkomandazzjoni 2 - It-tieni inciż

Il-Kummissjoni taċċetta din il-parti tar-Rakkomandazzjoni (ara l-gwida dwar l-LRRD u l-workshops).

Rakkomandazzjoni 2 - It-tielet inciż

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni bħala parti mill-pjanijiet ta' azzjoni tal-pajjiż.

Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

Il-Kummissjoni tenfasizza li għal pajjiżi f'sitwazzjonijiet fraġli u ta' kriżi jew ta' wara l-kriżi, l-assistenza għandha tiġi adattata skont is-sitwazzjoni sabiex ikollha grad ta' suċċess. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni żviluppat strument speċifiku ta' intervent magħrufa bħala "l-Kuntratt għall-Bini tal-Istat", li fih dispożizzjonijiet għal sitwazzjonijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li r-Rakkomandazzjoni 3 tal-Qorti hija inkluża fil-linji gwida ta' appoġġ baġitarju.

Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni u s-SEAE jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni, iżda jixtiequ jenfasizzaw li sadanittant, il-proċeduri għall-kontinwità tal-operat stabbiliti taħt ir-responsabbiltà tas-SEAE, u d-dispożizzjonijiet għar-riallokazzjoni tal-persunal ta' emerġenza ġew stabbiliti għad-Delegazzjonijiet kollha. Barra minn hekk, jixtiequ jfakkru li s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal tal-UE huma l-ewwel prijorità f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' diżastri f'pajjiż li fih hemm preżenti l-persunal tal-UE.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

It-terremot li laqat lil Haiti fit-12 ta' Jannar 2010 kien il-kaġun ta' għadd kbir ta' mwiet u kkawża qerda massiva fil-belt kapitali u fil-madwar. F'dan ir-rapport il-Qorti Ewropea tal-Awdituri teżamina jekk l-appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni tal-pajjiż kienx imfassal u implimentat sew u jekk il-Kummissjoni kkollegatx sew il-forniment ta' għajnuna mal-isforzi ta' riabilitazzjoni u l-għajnuna għall-iżvilupp. Il-Qorti tikkonkludi li l-appoġġ għar-riabilitazzjoni kien imfassal sew kumplessivament, u indirizza l-ħtiġijiet maġġuri tal-pajjiż. Madankollu, il-programmi ma ġewx implimentati b'mod effettiv biżżejjed u l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp ma kinux ikkollegati biżżejjed. Dan kien parzjalment dovut għall-kuntest diffiċli u d-dgħufijiet tal-awtoritajiet nazzjonali, iżda dovut ukoll għal nuqqasijiet fl-immaniġġjar ta' xi fatturi taħt il-kontroll tal-Kummissjoni.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet